EGESIF_15-0002-04
17/12/2018

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej

# Gwida għall-Istati Membri dwar ir-Rapport Annwali ta' Kontroll u l-Opinjoni tal-Awditjar li għandu jkun irrappurtat mill-awtoritajiet tal-awditjar

# u

# dwar it-trattament tal-iżbalji identifikati mill-awtoritajiet tal-awditjar bil-ħsieb li jiġu determinati u rapportati rati ta' żball residwu totali affidabbli

**(Perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020)**

*Reviżjoni tal-2018*

***DIKJARAZZJONI TA' ĊAĦDA TA' RESPONSABBILTÀ:*** *Dan huwa dokument imħejji mis-servizzi tal-Kummissjoni. Fuq il-bażi tal-liġi applikabbli tal-UE, huwa jipprovdi gwida teknika lil kollegi u korpi oħra involuti fil-monitoraġġ, il-kontroll jew l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (minbarra l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)) dwar kif għandhom jiġu interpretati u applikati r-regoli tal-UE f'dan il-qasam. L-għan ta' dan id-dokument hu li jipprovdi l-ispjegazzjonijiet u l-interpretazzjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-regoli msemmija sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programmi u biex titħeġġeġ prassi tajba. Din in-nota ta' gwida hi bla preġudizzju għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali jew tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni*

# WERREJ

Werrej ........ 2

Lista ta' akronimi u abbrevjazzjonijiet ........ 5

Glossarju ........ 6

I. Sfond ........ 8

1. Referenzi Regolatorji ........ 8

2. L-għan tal-gwida ........ 8

3. L-iskedar tal-ħidma tal-awditjar ........ 9

II. Gwida dwar l-ACR ........ 10

1. Introduzzjoni 10

2. Tibdil sinifikanti fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll ........ 11

3. Tibdil fl-istrateġija tal-awditjar ........ 12

4. Awditi tas-sistema 12

5. Awditi tal-operazzjonijiet ........ 16

6. Awditi tal-kontijiet 23

7. Koordinazzjoni bejn il-korpi tal-awditjar u x-xogħol ta' superviżjoni tal-AA ........ 25

8. Informazzjoni oħra 26

9. Livell ġenerali ta' assigurazzjoni ........ 28

III. Gwida dwar l-opinjoni tal-Awditjar li għandha tingħata kull sena mill-AA għal kull programm .. 30

1. Opinjoni tal-awditjar ........ 30

2. Tipi ta' opinjoni tal-awditjar ........ 34

3. Programmi plurifond, sistemi komuni u opinjonijiet tal-awditjar differenti skont il-programm ........ 38

4. Opinjoni tal-awditjar mhux adegwata ........ 39

IV. It-trattament tal-iżbalji identifikati mill-awtoritajiet tal-awditjar bil-ħsieb li jiġu determinati u rapportati r-rati ta' żball residwu totali affidabbli fir-rapporti annwali ta' kontroll ........ 40

1. Evalwazzjoni ta' żbalji ........ 40

**1.1** Ħarsa ġenerali lejn it-tipi ta' żbalji ........ 40

**1.2** Żbalji aleatorji ..... 41

**1.3** Żbalji sistemiċi ..... 41

**1.4** Żbalji anomali ..... 42

**1.5** Żbalji magħrufa ..... 43

2. Rata ta' Żball Totali (TER) ..... 43

**2.1** Kalkolu tat-TER ..... 43

**2.2** Każijiet partikolari ..... 44

**2.2.1** Żbalji diġà identifikati mill-MA, l-IB jew is-CA fin-nefqa li huma suġġetti għal awditi tal-operazzjonijiet ..... 44

2.2.1.1 Irregolaritajiet diġà identifikati u li tkun ittieħdet azzjoni fuqhom mill-MA, l-IB jew is-CA, imma li ma jkunux għadhom ġew ikkoreġuti qabel ittieħed il-kampjun mill-AA 44

2.2.1.2 Irregolaritajiet identifikati imma kkoreġuti b'mod mhux suffiċjenti qabel ma jkun ittieħed il-kampjun mill-AA ..... 45

2.2.1.3 Irregolaritajiet li jirrelataw man-nefqa korretta wara li l-kampjun ikun ittieħed mill-AA 45

**2.2.2** Ammonti irregolari ta' anqas minn 250 EUR ..... 45

**2.2.3** Riserva fin-nefqa fil-livell tal-proġett ..... 46

**2.2.4** Żbalji ta' dikjarazzjoni eċċessiva ta' ammont nett aġġustat kontra żbalji ta' sottostima 46

**2.2.5** Il-frodi u s-suspett ta' frodi kif jenħtieġ li jkunu riflessi fir-rata ta' żball? 46

2.2.5.1 Frodi ..... 46

2.2.5.2 Suspett ta' frodi ..... 46

**2.2.6** Falliment jew insolvenza jenħtieġ li jkunu inklużi fir-rata ta' żball? 47

**2.2.7** Liema strateġija jenħtieġ li tadotta l-AA f'każ li d-dokumentazzjoni ġustifikattiva għall-operazzjonijiet li minnhom ikunu ttieħdu l-kampjuni tintilef jew iġġarrab ħsara minħabba "force majeure" (pereż. diżastri naturali)? ..... 49

3. Miżuri korrettivi ..... 50

**3.1** Kunċett ta' żball ikkoreġut għad-determinazzjoni tal-RTER u l-opinjoni tal-awditjar 50

**3.2** Korrezzjoni ta' żbalji sistemiċi ..... 51

**3.3** Korrezzjoni ta' żbalji meta jkun applikat sottokampjunar ................. 52

4. Rata ta' Żball Totali Residwa (RTER) ............................................. 52

5. Kalkolu tat-TER/RTER u Ammonti li jgħaddu minn valutazzjoni kontinwa tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa sottostanti (l-Artikolu 137.2 tas-CPR)................. 57

Anness 1 – Taqsima 10.1 "Riżultati tal-awditi tas-sistema" tal-mudell tal-ACR.................................... 61

Anness 2 - Taqsima 10.2 "Riżultati tal-awditi tal-operazzjonijiet" tal-mudell tal-ACR.......................... 62

Anness 3 – Flowchart tar-Rata ta' żball totali u tar-Rata ta' żball totali residwa ................................ 63

Anness 4 – Eżempji tal-kalkolu tar-RTER ............................................................................................. 64

Anness 5 – Tipoloġija tar-riżultati tal-proġett ......................................................................................... 64

# LISTA TA' AKRONIMI U ABBREVJAZZJONIJIET

| | |
|---|---|
| AA | Awtorità tal-Awditjar |
| ACR | Rapport Annwali ta' Kontroll |
| Korp tal-Awditjar | Il-korp li jwettaq l-awditi skont il-mandat tal-AA, kif previst fl-Artikolu 127(2) tas-CPR |
| CA | Awtorità ta' Ċertifikazzjoni |
| CCI | Code Commun d'Identification (in-numru ta' referenza ta' kull programm, mogħti mill-Kummissjoni) |
| CDR | Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014) tat-3.3.2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] |
| CIR | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/207 tal-20.01.2015[2] kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 2018/277 |
| CPR | Ir-Regolament Dispożizzjonijiet Komuni (ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17.12.2013 [3] kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 |
| QEA | Qorti Ewropea tal-Awdituri |
| BEI | Bank Ewropew tal-Investiment |
| FSIE | FSIE tfisser il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej kollha. Din il-gwida tapplika għall-Fondi kollha ħlief għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). |
| ETC | Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (skont ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17.12.2013) |
| SF | Strumenti Finanzjarji |
| IB | Korp Intermedjarju |
| L/R | Legalità u regolarità |
| MA | Awtorità ta' Ġestjoni |
| MCS | Sistema ta' ġestjoni u kontroll |
| TER | Rata ta' Żball Totali |
| RTER | Rata ta' Żball Totali Residwa |

[1] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv:OJ.L_.2014.138.01.0005.01.ENG

[2] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/FR/TXT/?qid=1426689332441&uri=CELEX:32015R0207

[3] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX:32013R1303

# GLOSSARJU

| Terminu | Definizzjoni |
|---|---|
| Żball anomalu | Żball li b'mod evidenti mhuwiex rappreżentattiv tal-popolazzjoni. |
| Pakkett ta' assigurazzjoni | Il-'pakkett ta' assigurazzjoni' li għandu jkun ippreżentat mill-awtoritajiet tal-Istati Membri sal-15/02 (jew l-01/03 f'każijiet eċċezzjonali approvati mill-Kummissjoni) kull sena jinkludi: il-kontijiet imħejjija mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni, id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni u s-sommarju annwali tar-rapporti tal-awditjar finali u l-kontrolli mwettqa mħejji mill-awtorità ta' ġestjoni, l-opinjoni tal-awditjar u r-rapport tal-kontroll maħruġ mill-awtorità tal-awditjar. |
| Proċedura ta' kontradizzjoni | Proċedura fejn (abbozzi ta') rapporti tal-awditjar jintbagħtu lil min qed jiġi awditjat b'talba għal risposta / kumment bil-miktub dwar il-fatti deskritti fir-rapport fi żmien limitu stipulat, bil-ħsieb li jiġu ċċarati / jintlaħaq qbil dwar dawn il-fatti. |
| Żball | Għall-iskopijiet ta' din il-gwida, żball/ dikjarazzjoni skorretta hija dikjarazzjoni eċċessiva li tista' tiġi kkwantifikata tan-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni minħabba irregolarità. |
| Nefqa tas-sena kontabilistika N | Nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni, li abbażi tagħha jintgħażel kampjun tal-operazzjonijiet. |
| Irregolarità | Definita fl-Artikolu 2(36) tas-CPR, f'dan id-dokument imsejħa wkoll żball jew dikjarazzjoni skorretta. |
| Żball magħruf | Żball magħruf huwa żball li jinstab barra l-kampjun awditjat. |
| Dikjarazzjonijiet skorretti | L-istess tifsira bħal żball. |
| Popolazzjoni | Is-sett ta' *data* pożittiva fil-popolazzjoni ta' nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni matul is-sena kontabilistika (permezz ta' applikazzjonijiet ta' pagamenti *interim*) li minnu jingħażel il-kampjun (għall-finijiet tal-Artikolu 127(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013) u li minnu l-awditur jasal għall-konklużjonijiet tiegħu (opinjoni tal- |

| Terminu | Definizzjoni |
|---|---|
| | awditjar). |
| Żball aleatorju | L-iżbalji li mhumiex meqjusa bħala sistemiċi, magħrufa jew anomali huma klassifikati bħala żbalji aleatorji. Il-kunċett jippreżumi l-probabbiltà li żbalji aleatorji li jinstabu fil-kampjun awditjat huma preżenti wkoll fil-popolazzjoni li ma kinitx awditjata. |
| Rata ta' żball totali residwa (RTER) | Ir-Rata ta' Żball Totali Residwa (RTER) tikkorrispondi għar-Rata ta' Żball Totali (TER) mingħajr il-korrezzjonijiet finanzjarji li jkunu ġew applikati qabel il-preżentazzjoni tal-kontijiet mill-Istat Membru b'rabta mal-iżbalji identifikati mill-AA, inkluż żbalji aleatorji projettati, żbalji sistemiċi u magħrufa. Normalment, dawn il-korrezzjonijiet huma applikati wara li tiġi determinata t-TER. Madankollu, il-korrezzjonijiet finanzjarji applikati mill-Istat Membru wara li l-AA tkun ħadet il-kampjun tagħha u qabel ma tkun ġiet stabbilita t-TER mill-AA jistgħu jiġu mnaqqsa wkoll mill-RTER, jekk korrezzjonijiet bħal dawn isiru bil-ħsieb li jnaqqsu r-riskji identifikati mit-TER. |
| Żball sistemiku | Żbalji sistemiċi<br>huma żbalji li jinstabu fil-kampjun; u għandhom impatt fil-popolazzjoni mhux awditjata u jseħħu f'ċirkostanzi definiti sew u simili.<br>Dawn l-iżbalji ġeneralment għandhom karatteristika komuni, pereż. it-tip ta' operazzjoni, il-lok jew il-perjodu. Huma ġeneralment assoċjati ma' proċeduri ineffettivi ta' kontroll f'(parti minn) sistemi ta' ġestjoni u kontroll. |
| Rata ta' żball totali (TER) | Ir-rata ta' żball totali tikkorrispondi għas-somma tal-iżbalji li ġejjin: żbalji aleatorji projettati (inkluż żbalji stabbiliti fl-istrata eżawrjenti), żbalji sistemiċi delimitati u żbalji anomali mhux ikkoreġuti.<br>L-AA jenħtieġ li tqabbel ir-rata ta' żball totali mal-limitu ta' materjalità u tgħaqqad din il- |

| Terminu | Definizzjoni |
|---|---|
| | valutazzjoni mar-riżultati mill-awditi tas-sistema biex tasal għal konklużjonijiet dwar il-funzjonament tajjeb tal-MCS. |

# I. SFOND

## 1. Referenzi Regolatorji

| Regolament | Artikoli |
|---|---|
| Ir-Regolament (UE) 1303/2013 kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 1046/2018<br>Ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni<br>*(minn hawn 'il quddiem is-CPR)* | L-Artikolu 127 (5) - Funzjonijiet tal-awtorità tal-awditjar |
| Ir-Regolament (UE) 2015/207 kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2018/277<br>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni<br>*(minn hawn 'il quddiem is-CIR)* | L-Artikolu 7 (2 u 3) u l-Annessi VIII u IX (mudelli għall-opinjoni tal-awditjar u tar-rapport annwali ta' kontroll) |
| Ir-Regolament (UE, Euratom) 1046/2018<br>Ir-Regolament Finanzjarju | L-Artikolu 63 - Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri |

## 2. L-għan tal-gwida

L-għan ta' dan id-dokument huwa li jipprovdi gwida dwar l-ACRs u l-opinjonijiet li għandhom jiġu ppreżentati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni, kif previst fl-Artikolu 127(5) tas-CPR. Din il-gwida hija applikabbli għall-FSIE, ħlief għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), u ssegwi l-istruttura tal-mudelli tal-ACR u tal-opinjoni tal-awditjar definiti fl-Annessi VIII u IX tas-CIR.

Flimkien mad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni, is-sommarju annwali (it-tnejn li huma responsabbiltà tal-MA) u l-kontijiet (responsabbiltà tas-CA), l-ACR u l-opinjoni tal-awditjar mill-AA huma

element importanti li permezz tiegħu l-Kummissjoni tikseb assigurazzjoni raġonevoli dwar il-funzjonament xieraq tal-MCS tal-FSIE fl-Istati Membri, il-legalità u r-regolarità tan-nefqa ddikjarata u l-preċiżjoni, il-kompletezza u l-veraċità tal-kontijiet.

Skont l-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, f'oqsma tal-baġit Komunitarju li huma ġestiti permezz ta' arranġamenti ta' ġestjoni konġunta, il-Kummissjoni żżomm responsabbiltà sħiħa għall-implimentazzjoni tal-baġit, filwaqt li l-Istati Membri jikkooperaw mal-Kummissjoni u huma responsabbli għall-amministrazzjoni ta' kuljum u għall-kontroll tal-implimentazzjoni tal-programmi.

Il-proċess ta' assigurazzjoni taħt il-ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri hu bbażat fuq il-prinċipju uniku tal-awditjar (ara l-Artikolu 148 tas-CPR). Il-Kummissjoni għandha l-għan li tafda kemm jista' jkun possibbli fuq l-opinjoni tal-awditjar espressa mill-AA, sakemm il-Kummissjoni tkun kisbet assigurazzjoni suffiċjenti dwar il-kwalità tal-ħidma tal-awditjar imwettqa mill-AA. Għalhekk il-Kummissjoni tanalizza bir-reqqa l-ACR u l-opinjoni tal-awditjar ippreżentati mill-AA sabiex tasal għall-opinjoni tagħha dwar l-MCS għal kull programm.

Kif stabbilit mill-aħħar paragrafu tal-Artikolu 127(5) tas-CPR, fejn MCS komuni tapplika għal aktar minn programm wieħed, l-AA tista' tfassal ACR uniku li jkopri dawk il-programmi. Fit-taqsima 2 tal-*Gwida għall-Istati Membri dwar l-Istrateġija tal-Awditjar* (ref. EGESIF_14-0011) tal-Kummissjoni hemm aktar kunsiderazzjonijiet dwar MCS komuni.

F'każ ta' programm plurifond, l-AA tippreżenta ACR fejn tidentifika l-Fondi kkonċernati. . Il-programmi plurifond huma l-programmi kofinanzjati mill-FEŻR u l-FSE, u fejn applikabbli, mill-Fond ta' Koeżjoni.

## 3. L-iskedar tal-ħidma tal-awditjar

L-Artikolu 63(5) tar-Regolament Finanzjarju jiddikjara li l-kontijiet dwar in-nefqa mġarrba waqt il-perjodu ta' referenza u s-sommarju annwali tar-rapporti finali tal-awditjar u tal-kontrolli mwettqa għandhom jingħataw lill-Kummissjoni sal-15 ta' Frar tas-sena ta' wara. L-iskadenza tal-15 ta' Frar tista' tiġi estiża b'eċċezzjoni mill-Kummissjoni sal-1 ta' Marzu, abbażi ta' komunikazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat.

Fl-ACR li għandu jiġi sottomess sal-15/02/N+2, l-AA tirrapporta dwar l-awditi tas-sistema, l-awditi tal-operazzjonijiet u l-awditi tal-kontijiet, imwettqa fuq in-nefqa inkluża f'applikazzjoni għal ħlas ippreżentata lill-Kummissjoni, fir-rigward tas-sena kontabilistika mill-01/07/N sat-30/06/N+1 (li għalih l-iskadenza għas-sottomissjoni għall-aħħar talba interim għal pagament relatata mas-sena kontabilistika hija 31/07/N+1).

**Fuq il-bażi tal-istrateġija tal-awditjar tagħha, l-AA jenħtieġ li timplimenta l-ħidma tal-awditjar kollu meħtieġ biex tfassal opinjoni tal-awditjar valida għal kull sena kontabilistika.** Il-gwida tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq dwar l-istrateġija tal-awditjar tinkludi skedi ta' żmien indikattivi għall-ħdima tal-awditjar fit-taqsima V.

Peress li fis-CPR ma hemmx previst b'mod espliċitu perjodu tal-awditjar, l-AA trid taqbel bil-quddiem mal-MA u mas-CA dwar il-qafas ta' żmien għat-tħejjija tal-kontijiet b'konnessjoni mal-ipproċess tal-awditjar, filwaqt li tqis il-bżonn li tkun iggarantita s-sottomissjoni f'waqtha ta' ACR u opinjoni tal-awditjar ta' kwalità għolja, skont l-Artikolu 127(5) tas-CPR. Barra minn hekk, il-MA jenħtieġ li tagħmel disponibbli lill-AA abbozz tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni u tas-sommarju annwali tar-rapporti finali tal-awditjar u tal-kontrolli mwettqa, inkluża analiżi tan-natura u l-kontenut tal-iżbalji u tad-dgħufijiet identifikati fis-sistemi, flimkien ma' dettalji tal-azzjonijiet korrettivi relatati meħuda jew ippjanati. Jenħtieġ li l-Istat Membru jistabbilixxi l-iskadenzi interni għat-trażmissjoni tad-dokumenti bejn l-awtoritajiet għall-iskop tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom.

L-ewwel ACR u opinjoni tal-awditjar għandhom jingħataw sal-15 ta' Frar 2016 u huma bbażati fuq in-nefqa inkluża fit-talba għal pagament ippreżentata lill-Kummissjoni bejn id-data tal-bidu għall-eliġibbiltà u l-31 ta' Lulju 2015. Is-sena kontabilistika finali għandha tkun bejn l-1 ta' Lulju 2023 u t-30 ta' Ġunju 2024 u l-ħidma tal-awditjar relatata se tkun irrappurtata fl-aħħar ACR li għandu jiġi ppreżentat sal-15 ta' Frar 2025.

# II. GWIDA DWAR L-ACR

F'kull taqsima hawn taħt, it-test imdaħħal f'kaxxa hu estratt tat-taqsima rilevanti tal-mudell tal-ACR - l-Anness IX tas-CIR.

## 1. Introduzzjoni

| |
|---|
| 1.1 Identifikazzjoni tal-awtorità tal-awditjar responsabbli u ta' korpi oħrajn li kienu involuti fit-tħejjija tar-rapport.<br><br>1.2 Il-perjodu ta' referenza (jiġifieri s-sena kontabilistika)[4].<br><br>1.3 Il-perjodu tal-awditjar (li matulu seħħet il-ħidma tal-awditjar).<br><br>1.4 Identifikazzjoni tal-programm(i) operazzjonali kopert(i) mir-rapport u tal-awtoritajiet ta' ġestjoni u ta' ċertifikazzjoni tiegħu/tagħhom. [Fejn ir-rapport annwali ta' kontroll ikopri aktar minn programm jew Fond wieħed, l-informazzjoni għandha tkun ikklassifikata skont il-programm u skont il-Fond, li tidentifika f'kull taqsima l-informazzjoni li hija speċifika għall-programm u/jew għall-Fond, ħlief it-taqsima 10.2 fejn tali informazzjoni tiġi pprovduta fit-taqsima 5.]<br><br>1.5 Deskrizzjoni tal-passi li ttieħdu biex jitħejja r-rapport u titfassal l-opinjoni ta' awditjar. |

Jenħtieġ li jissemma l-perjodu li fih saret il-ħidma tal-awditjar taħt **it-taqsima 1.3**. B'mod partikolari, jenħtieġ li jkunu identifikati b'mod ċar il-każijiet ta' awditjar tas-sistemi mwettqa bejn it-tmiem tas-sena kontabilistika ta' referenza u d-data tal-iffirmar tal-ACR, b'impatt fuq l-

[4] Kif definit fl-Artikolu 2 (29) tas-CPR.

opinjoni tal-awditjar. Jenħtieġ li ssir referenza għall-verżjoni tal-istrateġija tal-awditjar applikabbli. F'każijiet ta' tibdil fl-istrateġija relatata mal-perjodu kontabilistiku kopert minn dan l-ACR, dan jenħtieġ li jissemma fit-taqsima 3.

**It-taqsima 1.5** jenħtieġ li tkopri l-fażi ta' tħejjija, id-dokumentazzjoni analizzata, il-koordinazzjoni ma' korpi oħrajn (jekk applikabbli), il-ħidma tal-awditjar imwettqa kif deskritt fit-taqsimiet 4, 5 u 6 u t-tfassil finali tal-opinjoni tal-awditjar. Din it-taqsima hija ta' rilevanza partikolari f'każijiet fejn l-AA isserraħ fuq ix-xogħol ta' korpi tal-awditjar oħrajn.

Fl-aħħar nett, din it-taqsima jenħtieġ li tkopri wkoll id-deskrizzjoni tal-kontrolli ta' konsistenza tal-AA fuq id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni għall-finijiet tal-opinjoni tal-awditjar (inklużi kontrolli dwar jekk id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni hijiex konsistenti mal-konklużjonijiet tal-awditi u tal-kontrolli kollha). Għal aktar dettalji, irreferi għall-*Gwida dwar it-tfassil tad-Dikjarazzjoni ta' Ġestjoni u tas-Sommarju Annwali għall-Istati Membri* (EGESIF_15_0008, kif emendata).

## 2. Tibdil sinifikanti fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll

2.1 Dettalji ta' kwalunkwe tibdil sinifikanti fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll relatati mar-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet ta' ġestjoni u ċertifikazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-delega ta' funzjonijiet lil korpi intermedji ġodda, u konferma tal-konformità tagħha mal-Artikoli 72 u 73 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 abbażi tal-ħidma tal-awditjar imwettqa mill-awtorità tal-awditjar skont l-Artikolu 127 tal-istess Regolament.

2.2 Informazzjoni relatata mal-monitoraġġ tal-korpi maħtura skont l-Artikolu 124(5) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

2.3 Id-dati li minnhom japplika dan it-tibdil, id-dati tan-notifika tat-tibdil lill-awtorità tal-awditjar, kif ukoll l-impatt ta' dan it-tibdil fuq il-ħidma tal-awditjar għandhom jiġu indikati.

Tibdil sinifikanti jirreferi għal tibdil li seta' kellu impatt fuq il-funzjonament xieraq tal-MCS u l-livell ta' assigurazzjoni li jipprovdu fir-rigward tal-ġestjoni ta' FSIE. Hu mistenni li l-AA tikkonferma l-konformità tat-tibdil fl-MCS mal-Artikoli 72, 73 u 74 tas-CPR, fuq il-bażi tal-ħidma tal-awditjar li tkun saret.

Meta japplikaw il-paragrafi (5) u (6) tal-Artikolu 124 tas-CPR, u meta l-AA tkun ingħatat il-mandat mill-Istat Membru biex tikkonferma li l-pjan ta' azzjoni korrettiva rilevanti[5] ġie implimentat matul il-perjodu ta' prova, fl-ACR jenħtieġ li jiġi divulgat ix-xogħol li jkun sar f'dan ir-rigward. Jekk pjan bħal dan ma jkunx għadu ġie implimentat qabel jiġi ppreżentat l-ACR, l-AA jenħtieġ li tiddivulga fl-ACR l-iskeda ta' żmien deċiża tal-pjan, is-sitwazzjoni

[5] Kif stabbilit fid-dispożizzjonijiet imsemmija, fejn ir-riżultati eżistenti ta' awditjar u ta' kontroll juru li l-awtorità magħżula (MA jew CA) ma tkunx għadha tissodisfa l-kriterji tal-ħatra, l-Istat Membru għandu, f'livell xieraq, jiffissa, skont is-severità tal-problema, perjodu ta' prova, li matulu għandha tittieħed l-azzjoni korrettiva meħtieġa.

attwali u l-impatt ta' din is-sitwazzjoni fuq l-opinjoni tal-awditjar tal-AA. Fil-każ li l-AA ma tkunx ingħatat il-mandat mill-Istat Membru, l-AA jenħtieġ li tgħaddi l-informazzjoni disponibbli għall-AA (kif stabbilit mill-korp b'mandat mill-Istat Membru biex jikkonferma l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva), il-valutazzjoni tiegħu u l-impatt fuq l-opinjoni tal-AA.

## 3. Tibdil fl-istrateġija tal-awditjar

3.1 Dettalji ta' kull tibdil li jsir (jew li hu propost li jsir) fl-istrateġija tal-awditjar, u spjegazzjoni tar-raġunijiet. B'mod partikolari, indika kull bidla fil-metodu tal-kampjunar użat għall-awditu tal-operazzjonijiet (ara t-Taqsima 5 aktar 'l isfel).

3.2 Id-divernzjar bejn il-bidliet magħmula jew proposti fi stadju aktar tard, li ma jaffettwawx il-ħidma li tkun saret matul il-perjodu ta' referenza, u l-bidliet li jkunu saru matul il-perjodu ta' referenza, li jaffettwaw il-ħidma tal-awditjar u r-riżultati. Huma inklużi biss il-bidliet imqabbla mal-verżjoni preċedenti tal-istrateġija tal-awditjar.

## 4. Awditi tas-sistema

4.1 Dettalji tal-korpi li wettqu verifiki tas-sistemi (inkluża l-awtorità tal-awditjar innifisha) li wettqu awditjar fuq il-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-programm (kif previst fl-Artikolu 127(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013) – minn hawn 'il quddiem "awditi tas-sistema".

Il-korpi msemmija fit-taqsima 4.1 jikkonċernaw jew l-AA jew kwalunkwe korp tal-awditjar li wettaq awditi kif previst fl-Artikolu 127(2) tas-CPR kif xieraq. Jekk parti mill-awditi tas-sistema kienet assenjata lil xi entità esterna, id-dettalji tal-kuntratt[6] u l-kompiti li ġew assenjati lill-kuntrattur(i) jenħtieġ li jkunu speċifikati. Għal programmi plurifond, jenħtieġ li jkun indikat, jekk l-AA twettaq ix-xogħol tal-awditjar għall-Fondi kollha. Jekk le, il-korpi responsabbli għal kull fond jenħtieġ li jissemmew.

4.2 Deskrizzjoni tal-bażi għall-awditi mwettqa, inkluż referenza għall-istrateġija ta' awditjar applikabbli, b'mod aktar partikolari għall-metodoloġija tal-valutazzjoni tar-riskju u għar-riżultati li wasslu biex jiġi stabbilit il-pjan ta' awditu tas-sistema. F'każ li l-valutazzjoni tar-riskju ġiet aġġornata, din hija deskritta fit-taqsima 3 aktar 'il fuq li tkopri t-tibdil fl-istrateġija tal-awditjar.

Fl-iskeda indikattiva tal-assenjar tal-awditjar inkluża fl-istrateġija tal-awditjar tingħata lista kompleta tal-korpi u tal-funzjonijiet li se jkunu koperti mill-awditi tas-sistema.

L-ACR jenħtieġ li jinkludi informazzjoni dwar l-istat tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-awditjar fir-rigward ta' awditi tas-sistemi mwettqa sal-preżentazzjoni tal-pakkett ta'

[6] Bħal pereżempju l-isem tal-kuntrattur, l-ambitu u l-għan, id-definizzjoni tax-xogħlijiet, eċċ.

assigurazzjoni (inkluż wara t-tmiem tas-sena kontabilistika). L-AA hija mistiedna wkoll sabiex taħt din it-taqsima tiddeskrivi t-tip u l-intensità tal-proċeduri tal-ittestjar ta' kontroll imwettqa għall-awditi tas-sistema rrappurtati (jew biex issir referenza għat-taqsimiet rilevanti tar-rapporti dwar l-awditu tas-sistema fejn tingħata din l-informazzjoni). F'każ li l-istrateġija tal-awditjar ma tkunx ġiet implimentata (kompletament), l-AA jenħtieġ li tispjega r-raġuni għal dan, tqis l-imptt fuq l-opinjoni tal-awditu u tindika l-iskedar biex jitlestew l-awditi tas-sistema ppjanati, li se jkunu rrappurtati fl-ACR li jmiss jew f'rapport ieħor. F'kull każ, **l-AA għandha timplimenta l-ħidma tal-awditjar kollha meħtieġa biex titfassal opinjoni tal-awditjar valida għal kull sena kontabilistika**.

F'każ ta' programmi plurifond, l-informazzjoni hawn fuq jenħtieġ li tingħata għal kull Fond. Fil-każ li l-istess informazzjoni tapplika għall-Fondi kollha, dan jenħtieġ li jkun iddikjarat b'mod ċar.

| |
|---|
| 4.3 Fir-rigward tat-tabella fit-taqsima 10.1 hawn taħt, deskrizzjoni tar-riżultati ewlenin u tal-konklużjonijiet miġbuda mill-awditi tas-sistema, inklużi l-awditi mmirati lejn oqsma tematiċi speċifiċi, kif definit fit-taqsima 3.2 tal-Anness VII tar-Regolament (UE) 2015/207.<br><br>4.4 Indikazzjoni dwar jekk xi problema identifikata tkunx ġiet ikkunsidrata ta' natura sistemika, u dwar il-miżuri li ttieħdu, inkluża kwantifikazzjoni tan-nefqa irregolari u kull korrezzjoni finanzjarja relatata, skont l-Artikolu 27(5) tar-Regolament (UE) Nru 480/2014. |

Skont **it-taqsima 4.3**, ir-riżultati ewlenin li joħorġu mill-awditi tas-sistema jenħtieġ li jkunu separati b'mod ċar skont il-programm u skont il-Fond. Il-korpi kkonċernati mir-riżultati jenħtieġ li jkunu indikati b'mod ċar.

It-tabella stipulata fit-Taqsima 10.1 tal-Anness IX tas-CIR jenħtieġ li timtela u tiġi ppreżentata bħala anness mal-ACR. It-tabella tindika, għal kull korp awditjat mill-AA, il-valutazzjoni relatata ma' kull rekwiżit ewlieni, li toħroġ ukoll mill-awditi mwettqa matul is-snin kontabilistiċi ta' qabel għall-istess perjodu ta' programmazzjoni. Il-Kummissjoni tippreżenta aktar informazzjoni dwar il-valutazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti ewlenin fil-*Gwida dwar Metroloġija Komuni għall-Valutazzjoni tas-Sistemi ta' Ġestjoni u Kontroll tal-Istati Membri* (EGESIF_14-0010 tat-18/12/2014) .

It-tabella taħt 10.1 hija ġġenerata f'SFC 2014 b'informazzjoni mir-rapporti kollha ppreżentati permezz tal-SFC 2014.

Fit-taqsima 4.3 jenħtieġ li jiġu rrappurtati wkoll awditi orizzontali[7] li għandhom fil-mira oqsma tematiċi speċifiċi (kif previst fl-istrateġija tal-awditjar u mwettqa fir-rigward tas-sena kontabilistika), bħal:

- il-kwalità tal-għażla tal-proġett u/jew tal-verifiki tal-ġestjoni, inkluż fir-rigward tar-regoli tal-akkwist pubbliku, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, ir-rekwiżiti ambjentali, opportunitajiet indaqs;

[7] L-awditi orizzontali jistgħu jkopru aktar minn Fond jew programm wieħed.

- it-twaqqif u l-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji kif stabbilit fit-Titolu IV tas-CPR
- il-kwalità tal-verifiki tal-ġestjoni relatati mal-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji;
- il-funzjonament u s-sigurtà tas-sistemi tal-IT imwaqqfa skont l-Artikoli 72(d), 125(2)(d) u 126(d) tas-CPR; u l-konnessjoni tagħhom mas-sistema tal-IT "SFC2014", kif previst fl-Artikolu 74(4) tas-CPR;
- l-affidabbiltà tad-*data* rappurtata fir-rigward ta' indikaturi u stadji importanti, u l-adegwatezza tas-sistemi sottostanti tal-ġestjoni u tar-rappurtar tad-*data* għall-indikaturi ta' output, finanzjarji u tar-riżultat dwar il-livell prijoritarju ta' investiment u għalhekk il-progress tal-OP fil-kisba tal-objettivi tiegħu, mogħtija mill-MA skont l-Artikolu 125(2)(a) tas-CPR;
- l-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi filwaqt li jitqiesu r-riskji identifikati.

Fejn ma twettaq ebda awditu tas-sistema fir-rigward tas-sena kontabilistika, jenħtieġ li tingħata ġustifikazzjoni xierqa jew informazzjoni dwar kif dan hu konformi mal-istrateġija tal-awditjar. F'ċirkostanzi normali r-rapporti dwar l-awditi tas-sistema huma mistennija jintbagħtu lill-Kummissjoni immedjatament wara t-tmiem tar-rapport tal-awditu finali matul is-sena għal informazzjoni f'waqtha. Madankollu, f'każijiet ta' eċċezzjoni fejn twettqu jew ġew finalizzati awditi tas-sistema fir-rigward tas-sena kontabilistika, iżda għadhom ma ġewx ippreżentati lill-Kummissjoni, dawn jenħtieġ li jiġu ppreżentati mhux aktar tard milli fl-istess ħin bħall-ACR. Fejn l-awditi tas-sistema jkunu għadhom ma ġewx finalizzati fiż-żmien tal-ACR, fl-ACR jenħtieġ li tingħata indikazzjoni tal-konklużjonijiet preliminari, kif ukoll stima tal-impatt tagħhom fuq il-valutazzjoni ġenerali.

Taħt **it-taqsima 4.4**, l-AA jenħtieġ li tinkludi informazzjoni dwar l-istat ta' implimentazzjoni ta' kull pjan ta' azzjoni li jsegwi l-awditi tas-sistema mwettqa fir-rigward tas-sena kontabilistika li għaliha jirreferi l-ACR. L-impatt finanzjarju jenħtieġ li jiġi indikat kif ukoll is-sitwazzjoni attwali tal-korrezzjonijiet. L-applikazzjoni għal ħlas ippreżentata lill-Kummissjoni li minnha tnaqqsu l-korrezzjonijiet jenħtieġ li tiġi indikata.

Fil-każ li ma jkun ġie identifikat l-ebda żball sistemiku, l-AA hija mistennija li tikkonferma dan fl-ACR.

F'każ ta' programmi plurifond, l-informazzjoni hawn fuq jenħtieġ li tingħata għal kull Fond. Fil-każ li l-istess informazzjoni tapplika għall-Fondi kollha, dan jenħtieġ li jkun iddikjarat b'mod ċar.

| |
|---|
| 4.5 Informazzjoni dwar is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar minn verifiki tas-sistema minn snin kontabilistiċi preċedenti. |

F'każ ta' korrezzjonijiet finanzjarji li joħorġu mill-awditi tas-sistema minn snin kontabilistiċi preċedenti, it-talba għall-pagament lill-Kummissjoni li fiha jkunu ġew implimentati l-korrezzjonijiet jenħtieġ li tkun indikata.

| |
|---|
| 4.6 Deskrizzjoni (fejn applikabbli) ta' nuqqasijiet speċifiċi marbuta mal-ġestjoni ta' strumenti finanzjarji, jew tip ieħor ta' nefqa koperta minn regoli partikolari (eż għajnuna mill-Istat, proġetti ta' ġenerazzjoni ta' dħul, għażliet għal spejjeż simplifikati), li jiġu identifikati matul awditi tas-sistemi, u s-segwitu mogħti mill-awtorità ta' ġestjoni sabiex tirrimedja dawn in-nuqqasijiet. |

F'din it-taqsima, l-AA hi mistennija tiddeskrivi l-ħidma mwettqa speċifikament rigward l-istrumenti finanzjarji u n-nuqqasijiet u l-irregolaritajiet identifikati, kif ukoll il-miżuri korrettivi li ttieħdu f'dak ir-rigward. L-AA jenħtieġ li tiddeskrivi wkoll l-assigurazzjoni dwar l-FIs implimentati mill-BEI jew istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra, pprovduti minn dawk l-istituzzjonijiet permezz tar-rapporti ta' kontroll u r-rapport tal-awditu annwali kif stabbilit fit-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 40(1) tas-CPR kif ukoll mill-ħidma ta' awditjar tal-AA stess imwettqa skont l-Artikolu 40(2) tas-CPR.

L-informazzjoni ddivulgata fl-ACR jenħtieġ li tippreżenta r-riżultati tal-verifika tal-konformità mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 41(1) tas-CPR. Għall-programmi plurifond jenħtieġ li jissemma l-Fond li jsostni l-istrument finanzjarju.

| |
|---|
| 4.7 Livell tal-assigurazzjoni miksub wara l-awditi tas-sistema (baxx/medju/għoli) u ġustifikazzjoni. |

Dan jirreferi għall-grad ta' assigurazzjoni li jista' jiġi attribwit lill-MCS, fir-rigward tal-abbiltà tagħha li tassigura l-legalità u r-regolarità tan-nefqa. Il-valutazzjoni mill-AA hija bbażata fuq ir-riżultati ta' kwalunkwe awditu tas-sistema relatat mas-sena kontabilistika inkluż, jekk ikun rilevanti, riżultati mill-awditi tas-sistema mwettqa matul is-snin kontabilistiċi preċedenti u / jew awditi tas-sistema finalizzati wara t-tmiem tas-sena kontabilistika sa meta jiġi ppreżentat il-pakkett ta' assigurazzjoni. Jekk ikunu dovuti kwalifiki għall-kwistjonijiet identifikati matul awditu tas-sistema mwettaq wara t-tmiem tas-sena kontabilistika imma qabel jiġu ppreżentati l-kontijiet, dan jenħtieġ li jkun divulgat b'mod ċar fl-opinjoni dwar l-awditjar.

Is-sistemi vvalutati bil-kategorija 1 jagħtu grad għoli ta' assigurazzjoni tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa, is-sistemi vvalutati bil-kategorija 2 jagħtu assigurazzjoni medja, is-sistemi vvalutati fil-kategorija 3 jagħtu assigurazzjoni medja jew baxxa, skont l-impatt tad-dgħufijiet identifikati u s-sistemi vvalutati bil-kategorija 4 jagħtu grad baxx ta' assigurazzjoni baxxa dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa.

Fil-każ ta' programmi plurifond fejn l-assigurazzjoni miksuba mill-MCS hi differenti skont il-Fondi differenti, l-AA jenħtieġ li tippreżenta b'mod ċar il-kwalifika applikabbli għal kull Fond u tispjega d-differenza.

# 5. Awditi tal-operazzjonijiet

5.1 Indikazzjoni tal-korpi (inkluż l-awtorità tal-awditjar) li wettqu l-awditi tal-operazzjonijiet (kif previst fl-Artikolu 127(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 480/2014).

F'din it-taqsima l-AA hi mistennija tispjega l-miżuri li ħadet biex tissorvelja x-xogħol tal-korpi li wettqu l-awditi tal-operazzjonijiet f'isimha (delegati jew esternalizzati), skont il-qafas regolatorju tal-UE, l-istrateġija tal-awditjar u l-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment[8]. Jenħtieġ li l-AA tikkonferma li x-xogħol magħmul minn dawn il-korpi hu affidabbli għall-finijiet tal-ACR u jippermetti li l-AA tasal għal opinjoni tal-awditjar valida.

F'każ ta' programmi plurifond, l-informazzjoni hawn fuq jenħtieġ li tingħata għal kull Fond, jekk dan ikun pertinenti.

Jekk parti mill-awditi tal-operazzjonijiet kienet esternalizzata, id-dettalji tal-kuntratt[9] u l-kompiti li ġew assenjati lill-kuntrattur(i) jenħtieġ li jkunu speċifikati.

F'każ ta' programmi tal-ETC, l-AA jenħtieġ li tiddeskrivi l-mod li bih assigurat li r-regoli tal-proċedura stabbiliti mill-grupp ta' awdituri ġew irrispettati.

5.2 Deskrizzjoni tal-metodoloġija tal-kampjunar applikata u informazzjoni dwar jekk il-metodoloġija hijiex konformi mal-istrateġija tal-awditjar.

Taħt **it-taqsima 5.2**, l-AA jenħtieġ li tiddeskrivi l-metodu tal-kampjunar użat, skont l-Artikolu 127 tas-CPR u l-Artikolu 28 tas-CDR. Id-devjazzjonijiet mill-metodoloġija tal-kampjunar stipulata fl-istrateġija tal-awditjar jenħtieġ li jiġu indikati u spjegati f'din it-taqsima.

5.3 Indikazzjoni tal-parametri użati għall-kampjunar statistiku u spjegazzjoni tal-kalkoli sottostanti u tal-ġudizzju professjonali applikat. Il-parametri tal-kampjunar jinkludu: il-livell limitu ta' materjalità, il-grad ta' fiduċja, l-unità ta' kampjunar, ir-rata ta' żball mistennija, l-intervall tal-kampjunar, il-valur tal-popolazzjoni, id-daqs tal-popolazzjoni, id-daqs tal-kampjun, l-informazzjoni dwar l-istratifikazzjoni (jekk applikabbli). Il-kalkoli sottostanti għall-għażla tal-kampjun u r-rata totali ta' żball (kif definit fl-Artikolu 28(14) tar-Regolament

[8] Il-prinċipju ewlieni fl-istandards kollha (eż il-Linji Gwida Nru 25 tal-Linji Gwida ta' Implimentazzjoni Ewropej għall-Istandards tal-Awditjar INTOSAI) hu li l-awditur prinċipali hu mistenni li jwettaq proċeduri tal-awditjar **biex jiżgura li l-kwalità tax-xogħol minn awdituri oħrajn ikun aċċettabbli u adegwat**. Jista' jiġi previst twettiq mill-ġdid ta' xi xogħol ta' awditjar imwettaq minn dawn l-awdituri iżda dan mhux obbligatorju. Id-deċiżjoni dwar jekk jerġax isir ix-xogħol jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-ġudizzju professjonali u x-xettiċiżmu tal-AA.

[9] Bħal pereżempju l-isem tal-kuntrattur, l-indirizz, l-iskop u l-objettivi, id-definizzjoni tal-kompiti, eċċ.

(UE) Nru 480/2014) jiġu divulgati fit-taqsima 10.3 aktar 'l isfel, f'format li jippermetti l-fehim tal-passi bażiċi meħuda, b'konformità mal-metodu ta' kampjunar speċifiku użat.

Fit-**taqsima 5.3**, jenħtieġ li l-AA tindika u tiġġustifika **l-parametri użati għall-kampjunar**, bħall-iżball mistenni, il-livell limitu ta' materjalità, l-unità tal-kampjunar (jiġifieri operazzjoni, proġett f'operazzjoni jew talba għall-pagament minn benefiċjarju) u, fejn applikabbli, il-grad ta' fiduċja applikat skont l-Artikolu 28(11) tas-CDR[10] u l-intervall tal-kampjunar, jekk applikabbli. L-ACR jenħtieġ li jiddivulga wkoll id-daqs tal-popolazzjoni, id-daqs tal-kampjun u l-għadd ta' unitajiet tal-kampjunar li ġew filfatt awditjati fis-sena kontabilistika, fejn xieraq. F'każ ta' perjodi multipli ta' kampjunar, id-*data* jenħtieġ li tiġi indikata għal kull wieħed mill-perjodi tal-kampjunar.

Għal Stati Membri li ma adottawx l-euro bħala l-munita tagħhom, b'kunsiderazzjoni għall-fatt li n-nefqa tal-benefiċjarji li huma suġġetti għall-awditu b'mod ġenerali titħallas fil-munita nazzjonali, huwa rrakkomandat li l-kampjunar u r-rati ta' żball relatati huma bbażati fuq il-munita nazzjonali.[11] Din l-istrateġija għandha l-għan li tiżgura li l-bidliet fir-rata tal-kambju ma jkollhomx impatt fuq il-kalkolu tar-rata ta' żball.

F'din it-taqsima, l-AA hi mistennija tiddeskrivi l-approċċ tagħha għall-istratifikazzjoni, (jekk applikabbli skont l-Artikolu 28(10) tas-CDR), li tkopri sottopopolazzjonijiet b'karatteristiċi simili bħall-operazzjonijiet li jikkonsistu f'kontribuzzjonijiet finanzjarji minn programm għal strumenti finanzjarji, elementi ta' valur għoli, Fondi (f'każ ta' programmi plurifond).

Fil-perjodu 2007-2013, kien possibbli li jintuża kampjunar uniku għal diversi programmi li għalihom kien japplika MCS komuni. Dan jibqa' validu għall-perjodu 2014-2020.

Fir-rigward ta' programmi inklużi f'MCS komuni, il-Kummissjoni tirrakkomanda b'mod partikolari meta riżultati differenti (jiġifieri rata ta' żball ta' aktar minn 2 % u / jew nuqqasijiet fis-sistema għal parti mill-programmi taħt l-MCS komuni) huma mistennija għal uħud minn dawk il-programmi, li l-AA tippjana xogħolha sabiex tfittex assigurazzjoni raġonevoli għas-sottogrupp speċifiku ta' programm(i). Dan jista' jinkiseb billi jkun żgurat kampjun rappreżentattiv fil-livell ta' strat li jkopri n-nefqa ddikjarata għal dak is-sottogrupp ta' programm(i). Fejn jintuża kampjunar statistiku biex jintgħażel kampjun aleatorju għall-MCS komuni, tapplika r-regola ġenerali ta' mill-anqas 30 unità ta' kampjunar għal tali strat, u dan jippermetti li wieħed jasal għal konklużjonijiet dwar l-istrat. Għal kampjunar mhux statistiku, l-opzjonijiet ippreżentati fil-gwida dwar kampjunar huma applikabbli.

Bl-istess mod, fir-rigward ta' programmi plurifond, f'każ ta' rata ta' żball li tkun aktar minn 2 % jew nuqqasijiet tas-sistema, hu fl-interess tal-Istat Membru li jimplimenta korrezzjonijiet

[10] L-Artikolu 28(11) tas-CDR jistabbilixxi li għal sistema vvalutata bħala waħda b'affidabbiltà għolja, il-livell ta' kunfidenza użat għal operazzjonijiet ta' kampjunar ma għandux ikun anqas minn 60 %, għal sistema vvalutata bħala waħda b'affidabbiltà baxxa, il-livell ta' kunfidenza użat għal operazzjonijiet ta' kampjunar ma għandux ikun anqas minn 90 %.

[11] Fil-każ ta' kwalunkwe konverżjoni, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 133 tas-CPR.

finanzjarji mmirati għal kull Fond, aktar milli miżuri korrettivi li jaffettwaw il-programm kollu. Għalhekk, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-AA tfittex assigurazzjoni raġonevoli għal kull Fond. Dan jimplika li l-kampjun magħżul għal programm plurifond jipprovdi evidenza biżżejjed tal-awditjar għal kull Fond. Għal dan il-għan, l-AA tista' tuża l-istratifikazzjoni skont il-Fond, kif previst mill-Artikolu 28(10) tas-CDR, u tiżgura li kull strat ikun ta' daqs suffiċjenti biex tinħareġ konklużjoni għal kull strat, jiġifieri tapplika r-regola ġenerali ta' 30 unità tal-kampjunar skont il-Fond. Dan hu partikolarment importanti meta huma mistennija riżultati differenti għall-Fondi fi programm plurifond.

Bl-użu tal-mudelli mogħtija fil-gwida dwar il-kampjunar tal-Kummissjoni, l-AA jenħtieġ li tipprovdi it-tabelli għall-kalkolu fl-Anness 10.3 tal-ACR, preferibbilment fil-format Excel[12], li huma rilevanti biex wieħed jifhem il-metodu tal-kampjunar applikat. Fejn l-AA segwiet metodu tal-kampjunar mhux previst f'dawk il-mudelli, jenħtieġ li tiġi pprovduta l-folja rilevanti tal-kalkolu minflok. Ir-rendikont tal-entrati għall-għażla tal-kampjun jenħtieġ li jiġi żgurat.

Fit-taqsima 5.3, jenħtieġ li l-AA tispjega wkoll kif implimentat fil-prattika r-rekwiżiti ta' kontroll proporzjonali tal-programmi operazzjonali kif stabbilit skont l-Artikolu 148(1) tas-CPR u l-Artikolu 28(8) tas-CDR, fejn hu applikabbli.

B'mod partikolari, jenħtieġ li l-AA tindika liema approċċ ikun intuża għall-għażla tal-kampjuni, fid-dawl tar-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 148(1) tas-CPR:

a) l-esklużjoni tal-unitajiet tal-kampjunar, jew

b) is-sostituzzjoni tal-unitajiet tal-kampjunar.

Barra minn dan, jenħtieġ li l-AA tippreżenta l-kalkolu tal-iżball projettat u l-preċiżjoni għall-popolazzjoni kollha, skont il-kjarifiki pprovduti fil-*Gwida dwar il-metodi ta' kampjunar għall-awtoritajiet tal-awditjar* (taqsima dwar l-impatt tal-Artikolu 148(1) dwar il-metodoloġija ta' kampjunar)

Meta l-AA tkun użat l-approċċ permess taħt l-Artikolu 28(9) tas-CDR, jenħtieġ li t-taqsima 5.3 tal-ACR tindika **l-metodoloġija applikata għal sottokampjunar** fil-livell tal-unità tal-kampjunar u tikkonferma li l-iżbalji identifikati fis-sottokampjun awditjat, jekk ikun hemm, kienu estrapolati għal-livell tal-unità tal-kampjunar (operazzjoni, proġett jew talba għal pagament skont l-unità tal-kampjunar użata) qabel l-estrapolazzjoni tar-riżultati mill-kampjun għall-popolazzjoni kollha. F'dan il-każ u għall-finijiet tat-tabella 10.2 tal-ACR, il-kolonna bit-titlu *"Nefqa b'referenza għas-sena kontabilistika awditjata għall-kampjun aleatorju"*, l-AA jenħtieġ li tqis biss in-nefqa li filfatt ġiet awditjata u mhux in-nefqa ddikjarata għall-unità tal-kampjunar (eż. operazzjoni, talba għal pagament) li għaliha ġie applikat is-sottokampjunar. Id-*data* f'din il-kolonna hi divulgata għal finijiet ta' informazzjoni

[12] Fejn ikun applikabbli, u fuq talba tal-awdituri tal-Kummissjoni, il-kompjuter jilloggja minn ACL, IDEA jew softwer simili.

biss u hi indipendenti mill-kalkolu tar-rata ta' żball estrapolata fil-livell tal-unità tal-kampjunar, li jenħtieġ li tiġi applikata għan-nefqa kollha ddikjarata għall-unità tal-kampjunar.

F'din it-taqsima, jenħtieġ li l-AA tipprovdi wkoll il-lista tal-unitajiet tal-kampjunar magħżula, fejn tindika għal kull unità tal-kampjunar fil-kampjun magħżul l-informazzjoni li ġejja:

a) in-nefqa ddikjarata fil-perjodu tal-kampjunar,

b) l-iżball identifikat,

c) l-istrat relatat, jekk japplika,

d) indikazzjoni dwar jekk l-unità tal-kampjunar hix pagament bil-quddiem għal Strument Finanzjarju (FI).

Din il-lista tista' tiġi miżjuda (bħala dokument separat) fil-fajl spreadsheet li jkun fih il-kalkoli sottostanti għall-għażla tal-kampjun aleatorju u t-TER u l-RTER (jiġifieri t-taqsima 10.3).

Barra minn dan, għall-każijiet fejn l-unitajiet tal-kampjunar tal-FI ġew magħżula fil-kampjun, jenħtieġ li tingħata wkoll l-informazzjoni li ġejja fl-ACR, idealment fil-fajl tal-ispreadsheet li jkun fih id-dettalji tal-kalkolu RTER:

a) l-ammonti FI fil-popolazzjoni tal-awditu għal kull perjodu ta' kampjunar (inkluż fil-valur A tal-kalkoli RTER[13]);

b) Konferma jekk l-unitajiet kollha tal-kampjunar tal-FI fil-popolazzjoni kinux inklużi fil-kampjun. Jekk le, jenħtieġ li l-AA tindika l-ammont tan-nefqa relatat mal-unitajiet tal-kampjunar FI barra l-kampjun għal kull perjodu tal-kampjunar;

c) l-ammont FI relatat ma' valutazzjoni kontinwa jew ammonti oħra negattivi mnaqqsa mill-popolazzjoni (inkluż fil-valur F għall-kalkolu RTER);

d) il-korrezzjonijiet finanzjarji relatati mal-FI li l-AA inkludiet fil-valur H tal-kalkolu RTER.

L-iskop tal-informazzjoni mitluba hawn fuq huwa li tkun tista' ssir il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tat-TER/RTER u l-evalwazzjoni tar-riskju bl-esklużjoni tal-pagamenti bil-quddiem tal-FI, jekk ikun hemm[14].

| |
|---|
| 5.4 Rikonċiljazzjoni bejn in-nefqa totali ddikjarata f'euro lill-Kummissjoni fir-rigward tas-sena kontabilistika u l-popolazzjoni minn fejn ittieħed il-kampjun aleatorju (il-kolonna “A” tat-tabella fit-taqsima 10.2 hawn taħt). L-elementi saldatorji jinkludu unitajiet ta' kampjunar negattivi fejn saru korrezzjonijiet finanzjarji fir-rigward tas-sena kontabilistika. |

[13] Ara t-tabella 2 għall-kalkolu RTER fit-taqsima IV.4 tal-gwida kurrenti.

[14] Ara r-rakkomandazzjoni Nru 2 tal-ECA u l-paragrafu 6.35 fir-Rapport Annwali tal-2016 tagħha. Il-Kummissjoni ċċarat lill-ECA u lill-AAs f'diversi laqgħat tal-grupp tekniku matul l-2017, li mhix qed tfittex opinjoni tal-awditjar separata mill-AA dwar in-nefqa ddikjarata għal FI jew kalkolu TER separat / alternattiv mingħajr FI.

| |
|---|
| 5.5 Fejn hemm unitajiet negattivi tal-kampjunar negattivi, konferma li dawn ġew ittrattati bħala popolazzjoni separata skont l-Artikolu 28(7) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014. Analiżi tar-riżultati ewlenin tal-awditi ta' dawn l-unitajiet, l-aktar dawk li jiffukaw fuq il-verifika jekk id-deċiżjonijiet li jiġu applikati korrezzjonijiet finanzjarji (meħuda minn Stat Membru jew mill-Kummissjoni) ġewx irreġistrati fil-kontijiet bħala rtirar jew irkupru. |
| 5.6 Fil-każ tal-użu ta' kampjunar mhux statistiku, indika r-raġunijiet għall-użu tal-metodu skont l-Artikolu 127(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, il-perċentwal ta' operazzjonijiet / nefqa koperti permezz tal-awditi, il-passi li ttieħdu sabiex ikun żgurat li l-kampjun hu aleatorju (u għalhekk rappreżentattiv) u sabiex ikun żgurat daqs suffiċjenti tal-kampjun li jippermetti li l-Awtorità tal-Awditjar tfassal opinjoni ta' awditjar valida. F'każ ta' kampjunar mhux statistiku tiġi kkalkulata wkoll rata ta' żball ipproġettata. |

Jenħtieġ li l-AA tiddivulga fit-**taqsima 5.4**, il-valur tal-**popolazzjoni** li minnha ttieħed il-kampjun u rikonċiljazzjoni ta' dan l-ammont mal-ammont tan-nefqa ddikjarata mis-CA lill-Kummissjoni fir-rigward tas-sena kontabilistika[15].

Il-popolazzjoni għal finijiet ta' kampjunar tinkludi n-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni għal operazzjonijiet fi programm jew grupp ta' programmi għas-sena kontabilistika. L-operazzjonijiet kollha, li għalihom ġiet inkluża nefqa ddikjarata fit-talba għal pagament ippreżentata lill-Kummissjoni matul is-sena suġġetta għall-kampjunar, jenħtieġ li jiġu inklużi fil-popolazzjoni li minnha jittieħed il-kampjunar, ħlief fejn japplika l-Artikolu 148(1) tas-CPR (ara wkoll it-taqsima IV.5 hawn taħt).

Fit-**taqsima 5.5**, jenħtieġ li l-AA tikkonferma li l-**unitajiet tal-kampjunar negattivi** jkunu ġew ittrattati bħala popolazzjoni separata, skont l-Artikolu 28(7) tas-CDR. Tista' ssib aktar spjegazzjonijiet dwar kif jiġu ttrattati l-unitajiet negattivi tal-kampjunar fil-*Gwida dwar il-metodi tal-kampjunar għal awtoritajiet tal-awditjar.*

Fil-każ li l-AA tinnota problemi fil-popolazzjoni negattiva (bħal korrezzjonijiet insuffiċjenti), din jenħtieġ li tanalizza s-serjetà u l-portata ta' dawn l-iżbalji u tirrifletti r-riżultati ta' din il-valutazzjoni fl-opinjoni tagħha dwar l-MCS.

Fil-każ ta' **kampjunar mhux statistiku**[16], l-AA jenħtieġ li tiddeskrivi fit-**taqsima 5.6** ir-raġunament wara l-għażla tal-kampjun, b'referenza għall-ġudizzju professjonali tagħha, ir-rekwiżiti regolatorji u l-istandards ta' awditjar applikabbli u aċċettati internazzjonalment. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-AA tispjega kif kienet żgurata l-każwalità fl-għażla ta' unitajiet tal-kampjunar, u għalfejn hi tqis li l-kampjun huwa suffiċjenti biex tiġi fformulata opinjoni tal-awditjar valida.

[15] Ara l-gwida dwar il-kampjunar għal aktar dettalji f'dan ir-rigward.

[16] Ir-rekwiżit regolatorju minimu ta' 5 % tal-operazzjonijiet u 10 % tan-nefqa jikkorrispondi max-"xenarju tal-aqwa każ" ta' livell għoli ta' assigurazzjoni mis-sistema. F'dan ir-rigward, jingħataw aktar dettalji fil-gwida dwar l-istrateġija tal-awditjar (ara t-taqsima 4.3) – ref. EGESIF EGESIF_14-0011 u l-gwida dwar il-kampjunar.

5.7 Analiżi tar-riżultati prinċipali tal-awditi tal-operazzjonijiet, li jiddeskrivi n-numru ta' elementi tal-kampjun awditjati, l-ammont rispettiv u t-tipi ta' żbalji skont l-operazzjoni kif ukoll in-natura tal-iżbalji misjuba, ir-rata ta' żball skont l-istrat u n-nuqqasijiet jew l-irregolaritajiet ewlenin, il-limitu ta' fuq tar-rata ta' żball (fejn applikabbli), il-kawżi ewlenin, il-miżuri korrettivi proposti, (inklużi dawk maħsuba biex jevitaw dawn l-iżbalji f'applikazzjonijiet ta' pagament sussegwenti) u l-impatt fuq l-opinjoni tal-awditjar. Fejn meħtieġ, ipprovdi aktar spjegazzjonijiet dwar id-*data* ppreżentata fit-taqsimiet 10.2 u 10.3 hawn taħt, b'mod partikolari dik li tikkonċerna r-rata ta' żball totali.

5.8 Spjegazzjonijiet dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji li jirrigwardaw is-sena kontabilistika u implimentati mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni / awtorità ta' ġestjoni qabel jiġu ppreżentati l-kontijiet finali lill-Kummissjoni, u li jirriżultaw mill-awditi tal-operazzjonijiet, inklużi korrezzjonijiet b'rata fissa jew estrapolati, kif muri fit-taqsima 10.2 hawn taħt.

5.9 Paragun bejn ir-rata ta' żball totali u r-rata ta' żball totali residwa (kif muri fit-taqsima 10.2 hawn taħt) bil-livell ta' materjalità stabbilit, sabiex ikun aċċertat jekk il-popolazzjoni hix materjalment iddikjarata b'mod żbaljat jew le u l-impatt fuq l-opinjoni tal-awditjar.

5.10 Informazzjoni dwar ir-riżultati tal-awditjar tal-kampjun komplimentari (kif stabbilit fl-Artikolu 28(12) tar-Regolament (UE) Nru 480/2014), jekk ikun hemm.

5.11 Dettalji dwar jekk kwalunkwe problema identifikata kinitx ikkunsidrata li hi ta' natura sistemika, u dwar il-miżuri meħuda, inkluża kwantifikazzjoni tan-nefqa irregolari u kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja relatata.

5.12 Informazzjoni dwar is-segwitu tal-awditi tal-operazzjonijiet li twettqu fi snin preċedenti, b'mod partikolari dwar nuqqasijiet ta' natura sistemika.

5.13 Konklużjonijiet li ħarġu mir-riżultati globali tal-awditi tal-operazzjonijiet fir-rigward tal-effettività tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll.

Jenħtieġ li l-AA twettaq il-ħidma tal-awditjar kollha meħtieġa biex titfassal opinjoni tal-awditjar valida għal kull sena kontabilistika. Dan jinkludi l-awditi tal-operazzjonijiet kollha magħżula permezz tal-kampjunar aleatorju. Fejn l-AA ma tkunx tista' twettaq awditu ta' operazzjoni partikolari, fl-ACR jenħtieġ li tingħata ġustifikazzjoni dettaljata kif ukoll il-miżuri li ħadet l-AA biex ittaffi s-sitwazzjoni u l-impatt tagħha fuq l-opinjoni tal-awditjar, inkluż l-impatt ta’ kull limitazzjoni fuq l-ambitu fejn ikun meħtieġ.

L-iżbalji meqjusa fit-TER jenħtieġ li jirrelataw għal riżultati divulgati fir-rapport tal-awditjar finali, jiġifieri wara li tkun tlestiet il-proċedura kontradittorja ma' min qed jiġi awditjat.

F'każijiet fejn din il-proċedura kontradittorja ma kinitx konkluża qabel ġie ppreżentat l-ACR, dan jenħtieġ li jkun divulgat b'mod ċar u jekk l-impatt ikun materjali tista' tingħata opinjoni kwalifikata abbażi tal-ġudizzju professjonali tal-AA. Fir-rigward tal-kalkolu tat-TER, l-iżbalji

preliminari (ġeneralment l-iżbalji potenzjali massimi indikati fl-abbozz tar-rapporti tal-awditjar) jenħtieġ li jkunu inklużi[17].

Fit-**taqsima 5.7**, jenħtieġ li l-AA tinkludi l-analiżi kwalitattiva mwettqa fuq ir-riżultati li miksuba. L-għadd u t-tipi ta' riżultati, ir-relevanza tagħhom u l-kawżi prinċipali tagħhom (importanti f'każijiet partikolari fejn l-istess tip ta' żball iseħħ diversi drabi, li jissuġġerixxi dgħufija potenzjali fis-sistema), kif stmat mill-AA, jenħtieġ li jkunu indikati.

Fir-rigward tat-tipoloġija ta' riżultati tal-proġett, l-informazzjoni jenħtieġ li tkun ippreżentata fil-forma ta' *data* strutturata fl-SFC2014 (ara wkoll it-tabella pprovduta fl-Anness 5 kif miftiehem b'mod konġunt mill-Kummissjoni u l-AAs għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020).

Fir-rigward tal-informazzjoni pprovduta fit-**taqsima 5.8,** jenħtieġ li wieħed jinnota li jekk kampjun uniku għal programmi plurifond jew għal grupp ta' programmi koperti minn MCS komuni jwassal għall-kalkolu ta' rata ta' żball materjali, it-TER li jirriżulta u l-miżuri korrettivi japplikaw għal dawk il-programmi u / jew Fondi kollha, anki meta l-irregolaritajiet identifikati jirrelataw biss jew b'mod aktar speċifiku għal programm wieħed jew Fond wieħed. Madankollu, huwa l-Istat Membru li jrid iqis kif japplika l-korrezzjonijiet xierqa sabiex ir-rata tta' żball totali residwa globali għall-grupp tal-programmi u / jew il-Fondi kollha kkonċernati titnaqqas għal 2 % jew anqas.

Fit-**taqsima 5.9**, jenħtieġ li l-AA tiddivulga t-TER, ikkalkulat kif stabbilit fl-Artikolu 28(14) tas-CDR:

*""Fuq il-bażi tar-riżultati tal-awditi tal-operazzjonijiet għall-iskop tal-opinjoni tal-awditu u r-rapport ta' kontroll imsemmija fl-Artikolu 127(5)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-awtorità tal-awditjar tikkalkula r-rata ta' żball totali, li tkun is-somma tal-iżbalji aleatorji previsti u, jekk applikabbli, żbalji sistemiċi u żbalji anomali mhux ikkoreġuti, diviżi bil-popolazzjoni."*[18]

Il-valutazzjoni tat-TER u l-impatt tiegħu fuq l-element MCS tal-opinjoni tal-awditjar hija ppreżentata fit-tabella 1 taħt it-taqsima III.1.

Jenħtieġ li l-AA tikkalkula wkoll u tiddivulga l-RTER (jiġifieri l-iżball residwu fil-popolazzjoni tan-nefqa inkluża fil-kontijiet ċertifikati) wara li jkunu ġew applikati l-korrezzjonijiet finanzjarji rilevanti li jirriżultaw mill-awditi tal-AA. Imbagħad jenħtieġ li l-RTER titqabbel mal-limitu tal-materjalità ta' 2 %.

Fil-każ ta' RTER ta' aktar minn 2 %, l-opinjoni tal-awditjar jenħtieġ li tkun kwalifikata jew kontra, tal-anqas f'relazzjoni ma' legalità u regolarità tan-nefqa, imma probabbilment ukoll

---

[17] .5

[18] Fejn in-nefqa ddikjarata tinkludi unitajiet negattivi tal-kampjunar, dawn għandhom jiġu ttrattati bħala popolazzjoni separata. F'dan il-każ, it-TER huwa kkalkulat f'relazzjoni mal-popolazzjoni tal-unitajiet pożittivi tal-kampjunar.

f'relazzjoni mal-funzjonament proprju tal-MCS (ara aktar gwida pprovduta fit-taqsima III.1 hawn taħt). L-Istat Membru huwa mistenni li japplika, qabel jippreżenta l-pakkett ta' assigurazzjoni, korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali (b'mod partikolari estrapolati) biex iġibu r-riskju residwu materjali (jiġifieri RTER) għal 2 % jew anqas; din hija l-kundizzjoni li tippermetti għal opinjoni mhux kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa ċertifikata fil-kontijiet tal-programm.

Barra mill-informazzjoni dwar it-TER u l-RTER ippreżentata fit-taqsima 5 tal-ACR, jenħtieġ li t-tabella fit-taqsima 10.2 tal-ACR tiddivulga wkoll it-TER u l-RTER (ara l-Anness 2 għal dan id-dokument). Il-modulu f'SFC2014 jinkludi t-tabella msemmija hawn fuq, li jenħtieġ li jimtela' direttament.

Il-kalkoli sottostanti għat-TER u l-RTER jenħtieġ li jkunu stabbiliti fit-taqsima 10. 3 tal-ACR. Aktar spjegazzjonijiet dwar it-trattament ta' żbalji u aktar gwida dwar il-kalkolu tat-TER u l-RTER huma pprovduti fit-taqsima IV hawn taħt.

Kif joħroġ mill-Artikolu 28(11) tas-CDR u fejn applikabbli, jenħtieġ li l-AA tispjega taħt **it-taqsima 5.11** tal-ACR, jekk, minbarra l-iżbalji aleatorji, instabux żbalji sistemiċi jew anomali.

Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Finanzjarji u s-CPR[19] għall-kontijiet annwali fil-perjodu 2014-2020, rati ta' żball **riveduti għas-snin preċedenti ma' għadhomx rilevanti u ma hemmx għalfejn jiġu divulgati fl-ACR.** Konsegwentement, il-korrezzjonijiet finanzjarji kollha applikati b'rabta man-nefqa fil-popolazzjoni li minnha ttieħed kampjun, ċertifikati fil-kontijiet u rrappurtati mal-pakkett ta' assigurazzjoni huma meqjusa definittivi.

## 6. Awditi tal-kontijiet

| |
|---|
| 6.1 Indikazzjoni tal-awtoritajiet / korpi li wettqu awditi tal-kontijiet.<br><br>6.2 Deskrizzjoni tal-approċċ ta' awditjar użat biex jivverifika l-elementi tal-kontijiet definiti fl-Artikolu 137 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. Dan jenħtieġ li jinkludi referenza għall-ħidma tal-awditjar imwettqa fil-kuntest ta' awditi tas-sistema (spjegati fit-taqsima 4 hawn fuq) u l-awditi tal-operazzjonijiet (spjegati fit-taqsima 5 hawn fuq) b'rilevanza għall-assigurazzjoni rikjesta dwar il-kontijiet.<br><br>6.3 Indikazzjoni tal-konklużjonijiet miġbuda mir-riżultati tal-awditi fir-rigward tal-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet, inkluża indikazzjoni dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji magħmula u riflessi fil-kontijiet bħala segwitu għar-riżultati tal-awditi tas-sistema u / jew tal-awditu fuq l-operazzjonijiet.<br><br>6.4 Indikazzjoni dwar jekk xi problemi identifikati kinux meqjusa li huma ta' natura sistemika, u l-miżuri li ttieħdu. |

[19] B'mod partikolari l-Artikolu 63(5) u (6) tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 137(1) tas-CPR.

Jenħtieġ li t-**taqsima 6.2** l-AA tiddeskrivi l-ħidma tal-awditjar imwettqa biex isir l-awditjar tal-kontijiet fil-qafas tal-Artikolu 137 tas-CPR u l-Artikolu 29 tas-CDR u tappoġġja l-opinjoni tal-awditjar dwar il-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet, b'qies tal-*Gwida dwar l-awditjar tal-kontijiet* (EGESIF_15_0016) tal-Kummissjoni kif aġġornata.

Jenħtieġ li l-AA tispjega wkoll l-iskeda ta' żmien u l-arranġamenti ta' xogħol maqbula mas-CA u mal-MA meħtieġa għall-AA biex tkun tista' twettaq il-ħidma tal-awditjar tagħha fuq il-kontijiet fiż-żmien previst[20].

Fit-**taqsima 6.3**, jenħtieġ li l-AA tispjega kif din waslet għall-konklużjonijiet dwar il-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet fuq il-bażi tad-diversi sorsi ta' assigurazzjoni li ġejjin:

- l-awditi tas-sistema tagħha (b'mod partikolari dawk imwettqa mis-CA, kif stabbilit fl-Artikolu 29(4) tas-CDR);
- l-awditi tal-operazzjonijiet tagħha[21];
- ir-rapporti tal-awditjar finali mibgħuta mill-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri;
- il-valutazzjoni tagħha tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni u s-sommarju annwali;
- in-natura u l-portata tal-ittestjar imwettaq fuq l-abbozz tal-kontijiet ippreżentati mis-CA lill-AA u kwalunkwe proċedura tal-awditjar addizzjonali mwettqa biex tirrikonċilja u tivverifika d-*data* fil-kontijiet.

Fir-rigward ta' dan l-aħħar punt, jenħtieġ li l-AA tiddeskrivi l-verifiki addizzjonali finali tagħha fuq l-abbozz tal-kontijiet iċċertifikati, qabel l-iskadenza regolatorja tal-15 ta' Frar, kif stabbilit fil-gwida dwar l-awditi tal-kontijiet imsemmija hawn fuq. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-AA:

(1) tikkonferma b'mod espliċitu fl-ACR li hija tkun ikkontrollat ir-rikonċiljazzjoni li tkun saret mis-CA rigward informazzjoni ppreżentata fl-appendiċi 2 u 8 tal-kontijiet u l-konsistenza tagħha mal-informazzjoni pprovduta mill-MA fis-sommarju annwali (b'mod partikolari l-ammont divulgat fit-tabelli fit-taqsimiet A. B u C tas-sommarju annwali) u

[20] B'kunsiderazzjoni tal-paragrafu A39 tal-ISA 700, l-AA tipprovdi opinjoni dwar il-kontijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tas-CA. Għalhekk, l-AA mhix f'pożizzjoni li tikkonkludi li nkisbet biżżejjed evidenza tal-awditjar xierqa sa mal-kontijiet ikunu ġew ippreparati u l-maniġment ikun aċċetta r-responsabbiltà għalihom. Dan jimplika li l-AA tkun tista' tasal għall-opinjoni tagħha dwar il-kontijiet biss wara li s-CA tkun ippreżentathom lill-MA u lill-AA u wara li l-MA tkun ippreżentat id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni lill-AA. Madankollu, jenħtieġ li l-AA tibda l-ħidma tal-awditjar tagħha fuq il-kontijiet qabel jiġu ffinalizzati mis-CA u qabel id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni tal-MA, sabiex tiżgura li jkun hemm żmien biżżejjed biex tasal għall-opinjoni tagħha sal-15 ta' Frar tas-sena N+2. Jenħtieġ li jkun hemm qbil bejn is-CA, l-MA u l-AA dwar skeda ta' żmien u arranġamenti ta' xogħol biex ikun żgurat proċess bla xkiel.

[21] L-awditi fuq l-operazzjonijiet għandhom jippermettu l-verifika tal-preċiżjoni tal-ammonti u tal-kompletezza tan-nefqa korrispondenti inkluża fit-talbiet għal pagament (u sussegwentement fil-kontijiet jekk jinstab li jkunu kompletament legali u regolari). Jippermetti wkoll ir-rikonċiljazzjoni tar-rendikont tal-awditjar mis-sistema kontabilistika tal-awtorità taċ-ċertifikazzjoni sal-livell tal-benefiċjarju u /ta' operazzjoni, permezz ta' kwalunkwe IB, kwistjoni diġà koperta fl-awditi attwali.

(2) tiddivulga u tispjega d-diskrepanzi misjuba bejn dawn iż-żewġ dokumenti, jekk ikun hemm.

Jenħtieġ li l-AA tiddeskrivi x-xogħol li jkun sar f'dan ir-rigward, inkluż il-valutazzjoni tal-AA rigward l-adegwatezza tal-ispjegazzjonijiet tas-CA għall-aġġustamenti divulgati f'dawn l-appendiċi u l-verifika tal-konsistenza mal-informazzjoni divulgata fl-ACR u fis-sommarju annwali. Jenħtieġ li l-verifika tiffoka b'mod partikolari fuq korrezzjonijiet finanzjarji li jkunu saru u riflessi fil-kontijiet bħala segwitu għar-riżultati tal-awditi tas-sistema, awditi fuq operazzjonijiet u aktar verifiki tal-maniġment imwettqa wara s-sottomissjoni tal-aħħar talba għal pagament *interim* lill-Kummissjoni u qabel is-sottomissjoni tal-kontijiet. **Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali u jiġu divulgati l-ammonti taħt valutazzjoni kontinwa, kif hemm referenza fl-Artikolu 137(2) tas-CPR**.

## 7. Koordinazzjoni bejn il-korpi tal-awditjar u x-xogħol ta' superviżjoni tal-AA

| |
|---|
| 7.1 Deskrizzjoni tal-proċedura għall-koordinazzjoni bejn l-awtorità tal-awditjar nazzjonali u kwalunkwe korp tal-awditjar li jwettaq awditi kif previst fl-Artikolu 127(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, fejn xieraq.<br><br>7.2 Deskrizzjoni tal-proċedura għas-superviżjoni u għall-analiżi tal-kwalità applikati mill-awtorità tal-awditjar fuq tali korpi tal-awditjar. |

Skont it-taqsima 7.1, il-proċedura jenħtieġ li tkopri l-koordinazzjoni fir-rigward tal-ippjanar tal-awditjar u l-koordinazzjoni u l-verifika tar-riżultati tal-awditjar bil-ħsieb li jintlaħqu konklużjonijiet definittivi u tiġi stabbilita l-opinjoni tal-awditjar.

It-taqsima 7.2 jenħtieġ li tkopri d-deskrizzjoni tal-proċedura għas-superviżjoni applikata mill-AA għall-korpi tal-awditjar l-oħrajn (jekk applikabbli). Id-deskrizzjoni jenħtieġ li tinkludi ħarsa ġenerali tas-superviżjoni attwalment imwettqa fir-rigward tas-sena kontabilistika, b'qies tal-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment jew il-gwida eżistenti.

F'dan ir-rigward, l-AA jenħtieġ li tqis il-Linja Gwida Nru 25 tal-Linji Gwida Implimentattivi Ewropej għall-Istandards tal-Awditjar ta' INTOSAI,[22], relatata mal-kunċett tal-użu tax-xogħol ta' awdituri u esperti oħrajn mill-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar Ewropej. Din il-linja gwida speċifikament tirreferi għar-rekwiżiti li għandhom jiġu rrispettati skont il-portata tal-affidabbiltà tax-xogħol imwettaq mill-awdituri l-oħrajn f'kull fażi tal-awditjar, kemm jekk ikun għal finijiet ta' ppjanar, kemm jekk bħala parti tal-evidenza għall-awditjar kif ukoll fi tmiem l-ittestjar. Il-portata tal-proċeduri li jenħtieġ li jitwettqu mill-awditur prinċipali biex jikseb biżżejjed evidenza xierqa għall-awditjar biex ix-xogħol tal-awditur l-ieħor ikun adegwat għall-finijiet tal-awditur prinċipali, fil-kuntest tal-kompitu speċifiku, tiddependi mill-fażijiet tal-awditjar fejn jista' jintuża x-xogħol tal-awdituri l-oħrajn. Jista' jkun li l-analiżi tal-

[22] https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/GUIDELINES/GUIDELINES_EN.PDF

AA ikollha tkun aktar dettaljata, speċjalment meta x-xogħol jintuża bħala evidenza għall-awditjar.

Hi mogħtija aktar gwida mill-ISSAI 1600 dwar l-awditi tal-grupp,[23], l-ISSAI 1610[24] (li jinkludi l-ISA 610) dwar l-użu tax-xogħol tal-awditur intern, u mill-ISSAI 1620[25]dwar l-użu tax-xogħol ta' espert tal-awditjar.

## 8. Informazzjoni oħra

| |
|---|
| 8.1 Fejn applikabbli, informazzjoni dwar frodi u suspetti ta' frodi rrappurtati misjuba fil-kuntest tal-awditi mwettqa mill-awtorità tal-awditjar (inkluż il-każijiet irrappurtati minn korpi nazzjonali oħra jew korpi tal-UE u relatati ma' operazzjonijiet awditjati mill-awtorità tal-awditjar), flimkien mal-miżuri meħuda. |

Fit-taqsima 8.1 tal-ACR, jenħtieġ li l-AA tindika l-passi meħuda fir-rigward ta' każijiet ta' frodi suspettati identifikati fil-ħidma tal-awditjar imwettqa sas-sottomissjoni tal-ACR.

Il-każijiet kollha ta' frodi suspettati fir-rigward tas-sena kontabilistika u identifikati mill-AA jenħtieġ li jiġu rrappurtati lis-servizzi ta' kontra l-frodi speċifiċi nazzjonali u tal-UE u għall-programmi plurifond, il-Fond ikkonċernat jenħtieġ li jkun indikat.

Jenħtieġ li l-ACR jiddivulga jekk il-każijiet ta' frodi suspettati identifikati mill-AA[26] ġewx ikkomunikati lil OLAF. Il-frodi suspettata trid tiġi rrappurtata lil OLAF mill-awtorità maħtura mill-Istat Membru skont ir-rekwiżiti taħt l-Artikolu 122(2) tas-CRP u l-Atti Delegati u Implimentattivi previsti f'din id-dispożizzjoni[27].

Jekk dan ikun permess mir-regoli nazzjonali għal investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin, jenħtieġ li l-AA tiġbor informazzjoni dwar in-natura tal-frodi u tivvaluta jekk din hijiex kwistjoni sistemika u, jekk iva, jekk ittiħdux azzjonijiet ta' mitigazzjoni.

L-istat tal-implimentazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji fir-rigward ta' frodi jew frodi suspettata u l-informazzjoni dwar l-applikazzjoni għal pagament interim lill-Kummissjoni li fiha ġew inklużi l-korrezzjonijiet jenħtieġ li jiġu rrappurtati fl-ACR, jekk ikun applikabbli.

---

[23] http://www.intosai.org/issai-executive-summaries/detail/issai-1600-special-considerations-audits-of-group-financial-statements-including-the-work-of-co.html

[24] http://www.intosai.org/issai-executive-summaries/detail/issai-1610-using-the-work-of-internal-auditors.html

[25] http://www.intosai.org/issai-executive-summaries/detail/issai-1620-using-the-work-of-an-auditors-expert.html

[26] L-awdituri jwettqu proċeduri amministrattivi mhux kriminali. L-ambitu tas-setgħa u tal-awtorità tagħhom hu, minħabba f'hekk, limitat mhux ħażin f'dak li jirrigwarda l-identifikar taċ-ċirkostanzi partikolari ta' attività suspettuża ta' frodi. Barra minn hekk, l-objettivi prinċipali tal-proċeduri kriminali u dawk tal-awditjar huma differenti. Awditu tal-operazzjonijiet hu ta' natura amministrattiva u għandu l-għan li jivvaluta l-legalità u r-regolarità tal-implimentazzjoni ta' proġett, filwaqt li l-proċedura kriminali għandha l-għan li tidentifika u tinvestiga operazzjonijiet biex tipprovdi evidenza tal-intenzjoni ta' ffrodar.

[27] EU2015/1970-DA, EU2016/568-DA, EU2015/1974-IA

aktar informazzjoni u gwida għall-azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet nazzjonali (inklużi l-AA) bil-ħsieb li jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu istanzi ta' frodi hija disponibbli fuq http://ec.europa.eu/sfc/en/2014/anti-fraud. Skont l-ISA 240, *"L-awdituri jistgħu jsibu ċirkostanzi li jissuġġerixxu li setgħet seħħet frodi. F'dawn il-każijiet, iridu jinfurmaw lill-awtorità rilevanti mingħajr dewmien għal aktar azzjoni... L-awditur jista' jikkonkludi li l-frodi potenzjali taffettwa s-sistema kollha jew biss parti minnha, jew jista' jikkonkludi li hemm każ ta' frodi wieħed iżolat jew aktar. Fil-każijiet kollha, irid jirreaġixxi malajr ħafna u jinforma lill-awtoritajiet rilevanti, filwaqt li jqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ(ijiet). L-awditur, fuq il-bażi tal-evidenza skoperta, irid janalizza s-sitwazzjoni b'mod rigoruż u fil-fond, jistruttura l-evidenza li fuqha qed jibbaża s-sejba tiegħu u jiddeċiedi lil min se jinforma. Fl-ewwel fażi, in-nies xierqa li għandhom jiġu infurmati x'aktarx huma dawk inkarigati mill-governanza tal-korp tal-awditjar, jekk ma jkun hemm l-ebda raġuni biex wieħed jaħseb li huma involuti fil-każ(ijiet). (...) Altrimenti, l-awditur għandu jinnotifika l-każ(ijiet) direttament lill-awtoritajiet ġudizzjarji, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni miksuba waqt awditu. L-awdituri għandhom jinfurmaw ukoll lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli li għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni (OLAF) bl-irregolaritajiet u l-każijiet ta' frodi suspettata skont ir-regoli settorjali applikabbli dwar ir-rappurtat tal-irregolaritajiet."*[28]

| |
|---|
| 8.2 Fejn applikabbli, avvenimenti sussegwenti li seħħew wara li ġew ippreżentati l-kontijiet lill-awtorità tal-awditjar u qabel it-trażmissjoni tar-rapport annwali ta' kontroll taħt l-Artikolu 127(5)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 lill-Kummissjoni u kkunsidrati meta ġew stabbiliti l-livell ta' assigurazzjoni u l-opinjoni mill-awtorità tal-awditjar. |

Il-kunċett ta' avvenimenti sussegwenti hu meħud mill-istandard tal-awditjar internazzjonali 560 bl-adattamenti meħtieġa għall-ġestjoni kondiviża skont il-Politika ta' Koeżjoni. Kif indikat f'dak l-istandard, wieħed mill-objettivi tal-awditur hu *"li jikseb biżżejjed evidenza xierqa għall-awditjar dwar jekk l-avvenimenti li seħħew bejn id-data tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji u d-data tar-rapport tal-awditur li jeħtieġ l-aġġustament tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji, jew id-divulgazzjoni fihom, humiex riflessi f'dawk id-dikjarazzjonijiet finanzjarji skont il-qafas tar-rappurtar finanzjarju applikabbli"*. Fil-kuntest tal-ġestjoni kondiviża, id-"dikjarazzjonijiet finanzjarji” jenħtieġ li jinftehmu bħala l-kontijiet imfassla mis-CA u taħt ir-responsabbiltà tagħha. Id-"data tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji" tikkorrispondi mad-data meta s-CA tippreżenta l-kontijiet lill-AA għall-verifiki finali tagħha.

Is-suppożizzjoni hi li l-AA se tirċievi l-kontijiet mis-CA qabel jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni, biex tkun tista' tikkonkludi dwar il-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tagħhom. Matul il-perjodu bejn meta jiġu riċevuti dawk il-kontijiet u t-tfassil tal-opinjoni tal-awditjar, l-AA tista' ssir konxja minn avvenimenti li jaffettwaw l-ammonti divulgati fil-kontijiet, b'mod partikolari n-nefqa ddikjarata bħala legali u regolari.

[28] Manwal *The role of Member States' auditors in fraud prevention and detection* (https://ec.europa.eu/sfc/sites/sfc2014/files/Handbook%20the%20Role%20of%20Member%20states%27auditors%20in%20fraud%20prevention%20and%20detection%20%5BEN%5D.doc)

Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-AA *"twettaq proċedura tal-awditjar maħsuba biex tinkiseb biżżejjed evidenza xierqa għall-awditjar li l-avvenimenti kollha li jseħħu bejn id-data tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji [il-kontijiet] u d-data tar-rapport tal-awditur [l-ACR] li jeħtieġu aġġustamenti tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji [il-kontijiet] jew id-divulgar fihom ġew identifikati*". Kif previst ukoll minn ISA 560, l-AA *"madankollu, mhijiex mistennija li twettaq proċeduri tal-awditjar addizzjonali dwar kwistjonijiet li proċeduri tal-awditjar applikati preċedentement diġà pprovdew konklużjonijiet sodisfaċenti għalihom"*.

Xi avvenimenti sussegwenti jistgħu jkollhom impatt importanti fuq il-funzjonament tal-MCS u / jew fuq il-kwalifiki (f'każijiet ta' opinjoni kwalifikata jew negattiva) u għalhekk ma jistgħux jiġu injorati mill-AA. Dawn l-avvenimenti jistgħu jikkorrispondu jew għal azzjonijiet pożittivi (eż. miżuri korrettivi implimentati wara li l-kontijiet ikun tfasslu mis-CA u qabel is-sottomissjoni lill-Kummissjoni) jew ikollhom impatt negattiv (eż. nuqqasijiet fis-sistema jew żbalji misjuba f'dak il-perjodu).

Fejn hu rilevanti, jenħtieġ li titqies ħidma tal-awditjar oħra fil-livell nazzjonali jew tal-UE mwettaq fir-rigward tas-sena kontabilistika.

Għall-programmi plurifond, il-Fond rispettiv jenħtieġ li jiġi indikat għal kull avveniment minn dawn l-avvenimenti rappurtati sussegwenti.

Barra minn dan, l-AA hija mistiedna biex fit-taqsima 8 tiġbor ix-xogħol tal-awditjar imwettaq u r-riżultati relatati mal-affidabbiltà tad-*data* dwar il-prestazzjoni, abbażi ta' awditi tas-sistema ta' KR6 (b'mod partikolari l-aspett tal-affidabbiltà tad-*data* dwar il-prestazzjoni), kwalunkwe awditu tematiku speċifiku dwar l-affidabbiltà tad-*data* dwar il-prestazzjoni, u l-awditjar tal-operazzjonijiet.

## 9. Livell ġenerali ta' assigurazzjoni

| |
|---|
| 9.1 Indikazzjoni tal-livell ġenerali tal-assigurazzjoni dwar il-funzjonament xieraq tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll, u spjegazzjoni dwar kif dan il-livell inkiseb mill-kombinazzjoni tar-riżultati tal-awditi tas-sistema (kif rifless fit-taqsima 10.1 hawn taħt) u tal-awditi tal-operazzjonijiet (kif rifless fit-taqsima 10.2 hawn taħt). Fejn rilevanti, l-awtorità tal-awditjar tieħu inkonsiderazzjoni wkoll ir-riżultati ta' ħidma oħra tal-awditjar fuq livell nazzjonali jew tal-Unjoni mwettqa fir-rigward tas-sena ta' kontabilità.<br>9.2 Il-valutazzjoni ta' kwalunkwe azzjoni ta' mitigazzjoni implimentata, bħalma huma korrezzjonijiet finanzjarji u l-valutazzjoni tal-ħtieġa ta' kwalunkwe miżura korrettiva addizzjonali neċessarja, kemm minn perspettiva tas-sistema kif ukoll minn perspettiva finanzjarja. |

Għall-fini tal-assigurazzjoni ġenerali li għandha tkun indikata mill-AA fit-**taqsima 9.1:**

- L-assigurazzjoni dwar il-kontijiet hija bbażata fuq ir-riżultati tal-awditi tal-kontijiet (u sorsi oħra rilevanti ta' informazzjoni kif deskritt fit-taqsima 6.3 hawn fuq) u l-konklużjonijiet dwar dan jenħtieġ li jkunu divulgati fit-taqsima 6.3[29].
- L-assigurazzjoni dwar il-legalità u r-regolarità (L/R) tan-nefqa hija bbażata fuq it-TER li jirriżulta mill-awditjar tal-operazzjonijiet b'kunsiderazzjoni tal-implimentazzjoni tal-korrezzjonijiet meħtieġa qabel jiġu ppreżentati l-kontijiet (jiġifieri RTER - ara t-taqsima 5 hawn fuq).
- L-assigurazzjoni dwar il-funzjonament tajjeb tal-MCS hija bbażata fuq ir-riżultati magħquda tal-awditi tas-sistema (valutazzjoni tas-sistema - ara t-taqsima 4 hawn fuq) kif ukoll l-awditi tal-operazzjonijiet (TER - ara t-taqsima 5 hawn fuq).

F'każ ta' programmi plurifond, l-AA hi mistennija tikkonferma li l-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom ikunu japplikaw għall-Fondi kollha, jew, f'każ ta' differenzi, tispjega kif waslet għal konklużjoni għal kull Fond, fuq il-bażi tal-analiżi tagħha tar-riżultati tax-xogħol tal-awditjar li jkun twettaq.

Il-livell ġenerali tal-assigurazzjoni huwa rifless fl-opinjoni tal-awditjar (ara t-taqsima III hawn taħt) li l-AA tista' tagħmel referenza għalih f'din it-taqsima.

Fir-rigward tat-**taqsima 9.2** l-AA hija rrakkomandata biex tiddeskrivi l-miżuri korrettivi li jkunu ttieħdu mill-Istat Membru abbażi tar-riżultati tal-awditi tas-sistema u tal-awditi tal-operazzjonijiet irrappurtati mill-AA.

B'mod ġenerali, l-eżistenza ta' TER 'il fuq mil-livell tal-materjalità tikkonferma nuqqasijiet fis-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll (l-aktar fil-livell ta' KR4, il-verifiki tal-ġestjoni imma possibbilment ukoll għal rekwiżiti ewlenin oħra). F'dan il-każ, u b'mod partikolari fejn l-MCS tkun klassifikata fil-kategorija 3 jew 4 għall-mitigazzjoni tar-riskju ta' żbalji materjali wkoll għal applikazzjonijiet tal-ħlas tal-futur, l-awtoritajiet responsabbli jenħtieġ li jkunu rrakkomandati mill-AA sabiex jimplimentaw azzjonijiet korrettivi bil-miżuri korrettivi meħtieġa li jiffurmaw pjan ta' azzjoni li jenħtieġ li jkun implimentat fi żmien skadenzi ċari qabel il-pakkett ta' assigurazzjoni li jmiss, u li jindirizza n-nuqqasijiet tas-sistema li jinstabu. Jekk diġà jkun stabbilit, il-pjan ta' azzjoni korrettiva jenħtieġ li jkun deskritt b'mod ċar u konċiż fl-ACR (u fid-dikjarazzjoni tal-ġestjoni mill-MA). Jekk ikunu għadhom mhux stabbiliti, tal-anqas l-oqsma ewlenin tal-azzjonijiet korrettivi rrakkomandati jenħtieġ li jkunu divulgati (aktar dettalji fuq il-pjan ta' azzjoni korrettiva u l-implimentazzjoni tiegħu għalhekk jenħtieġ li jkunu pprovduti fl-ACR li jmiss, sakemm dan ma jkunx intalab qabel mill-Kummissjoni).

[29] Fir-rigward tal-element tal-opinjoni tal-awditjar relatata mal-kontijiet, wieħed jista' jsib gwida aħjar fil-*Gwida dwar l-awditjar tal-kontijiet* (EGESIF 15_0016_02) tal-Kummissjoni, kif aġġornata.

# III. GWIDA DWAR L-OPINJONI TAL-AWDITJAR LI GĦANDHA TINGĦATA KULL SENA MILL-AA GĦAL KULL PROGRAMM

## 1. Opinjoni tal-awditjar

L-opinjoni tal-awditjar li għandha tingħata kull sena mill-AA għal kull programm, skont l-Artikolu 127(5) tas-CPR, hija bbażata fuq il-konklużjonijiet li jirriżultaw mill-evidenza tal-awditjar miksuba. Fl-Anness VIII, is-CIR jistabbilixxi l-opinjoni tal-awditjar mudell li għandha tintuża, li tkopri t-tliet elementi tal-assigurazzjoni (kontijiet, legalità u regolarità tan-nefqa mdaħħla fil-kontijiet tal-programm annwali u l-funzjonament tal-MCS). Huma previsti tliet tipi ta' opinjonijiet:

- Opinjoni mhux kwalifikata
- Opinjoni kwalifikata (b'impatt limitat jew sinifikanti)
- Opinjoni avversa

L-AA tirrapporta l-opinjoni tal-awditjar tagħha għal kull programm fl-ACR u bħala *data* strutturata fl-SFC 2014, fejn tindika l-livelli differenti possibbli ta' assigurazzjoni għal kull wieħed mit-tliet elementi msemmija hawn fuq.

Jekk tingħata opinjoni mhux kwalifikata, din tapplika għat-tliet elementi kollha tal-opinjoni tal-awditjar, mingħajr eċċezzjoni.

Għat-tipi l-oħra tal-opinjoni, jiġifieri opinjoni kwalifikata jew avversa, jenħtieġ li l-AA tindika fl-opinjoni tal-awditjar liema mit-tliet elementi jew kombinazzjoni tagħhom (kontijiet, L/R, MCS) huma affettwati.

Fuq il-bażi tal-esperjenza, it-tabella hawn taħt tindika, għas-sitwazzjonijiet l-aktar komuni, ir-rabta bejn l-opinjoni tal-awditjar (dwar il-funzjonament xieraq tal-MCS u l-legalità u r-regolarità tan-nefqa) u l-konklużjonijiet miksuba mill-awditi tas-sistema u l-awditi tal-operazzjonijiet. **Din it-tabella hija indikattiva biss u tirrikjedi li l-AA tuża l-ġudizzju professjonali tagħha, b'mod partikolari għal sitwazzjonijiet mhux previsti hawn taħt jew fil-każ ta' fatturi mitiganti speċifiċi identifikati mill-AA, abbażi ta' evidenza mill-awditu**. Il-miżuri korrettivi implimentati kif indikat fit-tabella jistgħu jikkonċernaw korrezzjonijiet finanzjarji (bl-għan li jitnaqqas l-RTER għal 2 % jew anqas) jew titjib fis-sistema / proċedurali sabiex jingħelbu n-nuqqasijiet fl-MCS u biex tiġi evitata ripetizzjoni fil-futur tal-istess irregolaritajiet, jew kombinazzjoni tat-tnejn.

*Tabella 1: It-tipi ta' opinjoni tal-awditjar mistennija dwar l-elementi ta' assigurazzjoni relatati mal-MCS, L/R u kontijiet* [30] *b'kunsiderazzjoni tar-riżultati tal-awditjar kollha disponibbli u b'indikazzjoni tal-miżuri korrettivi meħtieġa.*

| **Tip ta' opinjoni tal-awditjar** | **Element mill-opinjoni tal-awditjar u assigurazzjoni globali** | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | **Funzjonament tal-MCS** (riżultati tal-awditi tas-sistema kkonfermati jew emendati mir-riżultati tal-awditi tal-operazzjonijiet - TER jew / u titjib biex jingħelbu n-nuqqasijiet fl-MCS) | | **Legalità u Regolarità tan-nefqa ċertifikata fil-kontijiet** | **Kontijiet** | **Miżuri korrettivi meħtieġa (skont il-konklużjonijiet tal-AA fl-ACR)** (jew korrezzjonijiet finanzjarji jew titjib proċedurali fis-sistema, jew it-tnejn) |
| | **Riżultati tal-awditi tas-sistema** | **TER** (Riżultati mill-awditi tal-operazzjonijiet) | **RTER** (TER mitigat minn korrezzjonijiet finanzjarji implimentati qabel is-sottomissjoni tal-kontijiet lill-Kummissjoni) | | |
| **1-Mhux kwalifikata** | Sistema f'kategorija 1 jew 2 | u TER ≤ 2 % | u RTER ≤ 2 % | u aġġustamenti li għandh isiru fil-kontijiet ≤ 2 % | Korrezzjonijiet tal-iżbalji individwali fil-kampjun |
| **2- Kwalifikata** (kwalifika b'impatt **limitat**) | Sistema f'kategorija 2 | u/jew 2 % <TER< 5 % | NA[31] | NA[4] | Korrezzjonijiet tal-iżbalji individwali fil-kampjun<br>Titjib biex jingħelbu n-nuqqasijiet fl-MCS. |
| **3- Kwalifikata** (kwalifika b'impatt **sinifikanti**) | Sistema f'kategorija 3 | u / jew 5 % ≤TER ≤ 10 % | u / jew RTER > 2 % | u / jew aġġustamenti li għandhoı fil-kontijiet > 2 % | Korrezzjonijiet finanzjarji estrapolati sabiex l-RTER jinġieb għal anqas minn jew ugwali għal 2 %, b'kunsiderazzjoni għall-korrezzjonijiet diġà applikati bħala riżultat tal-awditi tal-AA (inkluż korrezzjonijiet |

[30] Fir-rigward tal-assigurazzjoni dwar il-kontijiet, tingħata aktar gwida fil-*Gwida dwar l-awditi tal-kontijiet* (EGESIF_15_0016) tal-Kummissjoni, kif aġġornata

[31] Fir-rigward tal-element tal-assigurazzjoni dwar legalità / regolarità u l-kontijiet, l-opinjoni tal-awditjar hija jew kwalifikata / avversa (livell materjali ta' żball residwu) jew le. Kwalunkwe aġġustament jew żball residwu 'l fuq minn materjalità għal nefqa ċertifikata fil-kontijiet annwali huwa meqjus bħala kwistjoni inerenti sinifikanti.

| Tip ta' opinjoni tal-awditjar | Element mill-opinjoni tal-awditjar u assigurazzjoni globali | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | **Funzjonament tal-MCS** (riżultati tal-awditi tas-sistema kkonfermati jew emendati mir-riżultati tal-awditi tal-operazzjonijiet - TER jew / u titjib biex jingħelbu n-nuqqasijiet fl-MCS) | | **Legalità u Regolarità tan-nefqa ċertifikata fil-kontijiet** | **Kontijiet** | **Miżuri korrettivi meħtieġa (skont il-konklużjonijiet tal-AA fl-ACR)** (jew korrezzjonijiet finanzjarji jew titjib proċedurali fis-sistema, jew it-tnejn) |
| | **Riżultati tal-awditi tas-sistema** | **TER** (Riżultati mill-awditi tal-operazzjonijiet) | **RTER** (TER mitigat minn korrezzjonijiet finanzjarji implimentati qabel is-sottomissjoni tal-kontijiet lill-Kummissjoni) | | |
| **4 - Avvers** | Sistema f'kategorija 4 | u / jew TER > 10 % | u / jew RTER > 2 % | u / jew<br>aġġustamenti li għandhom fil-kontijiet > 2 % | ta' żbalji individwali fil-kampjun)<br>+ pjan ta' azzjoni korrettiva biex jingħelbu n-nuqqasijiet fl-MCS<br>+ implimentazzjoni tal-aġġustamenti li għandhom isiru fil-kontijiet |

It-tabella 1 hawn fuq tipprovdi gwida għall-valutazzjoni tal-livell ta' assigurazzjoni għat-tliet elementi tal-opinjoni tal-awditjar fil-każ ta' sitwazzjonijiet sempliċi. Pereżempju, jekk l-AA tqis li l-MCS tinsab fil-kategorija 1 jew 2 u kemm it-TER u l-RTER huma anqas minn jew ugwali għal-livell ta' materjalità ta' 2 %, l-opinjoni tal-awditjar dwar l-MCS u L/R tista' tkun mhux kwalifikata (sakemm l-AA tqis li t-titjib u l-azzjonijiet korrettivi meħtieġa għal MCS ivvalutat fil-kategorija 2 ħaqqhom kwalifika).

Madankollu meta tifformola l-opinjoni tal-awditjar tagħha, l-AA trid tikkunsidra l-livelli differenti ta' assigurazzjoni u r-riżultati tal-awditjar miksuba għal kull element tal-opinjoni tal-awditjar. F'każ li jkun hemm xi miżuri korrettivi implimentati fil-livell tas-sistema / L/R fil-ħin tal-iżvilupp tal-opinjoni tal-awditjar tagħha, l-AA possibilment tista' tanalizza l-valutazzjoni inizjali tagħha abbażi ta' riżultati tal-awditjar disponibbli u l-evidenza miksuba. Jistgħu jidhru diversi każijiet:

- Jekk l-MCS hija kklassifikata fil-kategorija 1 jew 2 u t-TER hija 'l fuq minn 2 %, dan jindika li, minkejja l-valutazzjoni pożittiva li tirriżulta mill-awditi tas-sistemi mwettqa mill-AA, l-MCS fil-prattika mhijiex effettiva biżżejjed biex timpedixxi, tidentifika u tikkoreġi l-irregolaritajiet. Opinjoni tal-awditjar kwalifikata għalhekk ġeneralment titqies xierqa għall-MCS (possibbilment b'impatt limitat biss, jekk it-TER irrappurtat ikun bejn 2 %-5 %; madankollu, jekk l-RTER huwa aktar minn2 %, hu meqjus li l-kwalifika jkollha impatt sinifikanti għal L/R).
- Madankollu, fil-każ preċedenti, jekk ikunu ġew implimentati miżuri korrettivi xierqa (jiġifieri korrezzjonijiet finanzjarji, individwali jew estrapolati, biex l-RTER jitniżżel għal anqas minn jew ugwali għal 2 %) mill-Istat Membru qabel ma jkun finalizzat l-ACR, l-AA tista' toħroġ opinjoni kwalifikata b'impatt limitat biss minħabba t-titjib meħtieġ fl-MCS, filwaqt li l-aspett L/R ma ħaqqux kwalifika (RTER imniżżel għal /anqas minn 2 %).
- Alternattivament, jekk minbarra l-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa jitqies li hemm bżonn ta' azzjonijiet korrettivi li jirriżultaw f'titjib sabiex jingħelbu n-nuqqasijiet fl-MCS (skont in-natura u t-tip ta' żbalji li jwasslu għal TER ogħla minn 2 % u s-serjetà tat-TER) u huma implimentati, tista' tingħata opinjoni mhux kwalifikata (jiġifieri kemm dwar l- MCS kif ukoll dwar l-L/R).
- Opinjoni kwalifikata b'impatt sinifikanti jenħtieġ li tkun divulgata meta l-MCS jiġi valutat fil-kategorija 3 u / jew it-TER ikun ogħla minn 5 %. Madankollu, il-kwalifika tista' tkun limitata għall-MCS fejn l-RTER ikun inġieb għal 2 % jew anqas permezz ta' korrezzjonijiet finanzjarji xierqa (individwali u / jew estrapolati) qabel ma l-pakkett tal-assigurazzjoni jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni. Jekk barra dan l-AA ikollha evidenza suffiċjenti tal-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri korrettivi li jirrelataw għal nuqqasijiet fis-sistema u tista' wkoll tittestja l-implimentazzjoni effettiva tagħhom qabel ma jkun finalizzat l-ACR, l-AA tista' tiddeċiedi li toħroġ opinjoni mhux kwalifikata ġenerali. Alternattivament, jekk il-miżuri korrettivi relatati man-

nuqqasijiet tas-sistema ma jkunux ġew implimentati, l-opinjoni tal-awditjar hija mistennija li tibqa' kwalifikata minħabba l-kwalifika fuq l-MCS, anki jekk l-RTER ikun tniżżel għal anqas minn jew ugwali għal 2 %, minħabba li l-MCS ikompli jiġġenera nefqa li jkollha riskju ta' żball ta' aktar minn 5 %.

- Jekk l-AA tistabbilixxi żbalji materjali fil-kontijiet, jenħtieġ li l-opinjoni tkun kwalifikata, anki jekk l-MCS ikun fil-kategorija 1 jew 2, u kemm it-TER u l-RTER ikunu anqas minn jew ugwali għal-livell ta' materjalità ta' 2 %. Il-kwalifika f'dan il-każ tirreferi biss għall-eżattezza, il-kompletezza u / jew il-korrettezza tal-kontijiet.

## 2. Tipi ta' opinjoni tal-awditjar

Opinjoni mhux kwalifikata:

| |
|---|
| Fl-opinjoni tiegħi, u msejsa fuq il-ħidma tal-awditjar imwettqa:<br><br>- il-kontijiet jagħtu stampa vera u ġusta, kif stabbilit bl-Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) Nru 480/2014;<br><br>- in-nefqa fil-kontijiet li għaliha ntalab rimborż mill-Kummissjoni hija legali u regolari;<br><br>- is-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll fis-seħħ tiffunzjona b'mod xieraq.<br><br>Il-ħidma tal-awditjar imwettqa ma tpoġġix f'dubju l-asserzjonijiet magħmula fid-dikjarazzjoni amministrattiva.<br><br>[L-awtorità tal-awditjar tista' tinkludi wkoll enfasi dwar kwistjoni, li ma taffettwax l-opinjoni tagħha, kif stabbilit fl-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment. Ċaħda ta' opinjoni tista' tiġi prevista f'każijiet eċċezzjonali.] |

Opinjoni kwalifikata:

| |
|---|
| Fl-opinjoni tiegħi, u msejsa fuq il-ħidma tal-awditjar imwettqa:<br><br>- il-kontijiet jagħtu stampa vera u ġusta, kif stabbilit bl-Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) Nru 480/2014;<br><br>- in-nefqa fil-kontijiet li għaliha ntalab rimborż mill-Kummissjoni hija legali u regolari;<br><br>- is-sistema ta' ġestjoni u kontroll fis-seħħ tiffunzjona b'mod xieraq,<br><br>ħlief fl-aspetti li ġejjin [ħassar kif jixraq]:<br><br>fir-rigward ta' kwistjonijiet materjali relatati mal-kontijiet: …<br><br>u / jew [ħassar kif jixraq] |

fir-rigward ta' kwistjonijiet materjali relatati mal-legalità u r-regolarità tan-nefqa fil-kontijiet li għalihom ikun intalab rimborż mill-Kummissjoni: …

u / jew [ħassar kif jixraq] fir-rigward ta' kwistjonijiet materjali relatati mal-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll: …

Għaldaqstant, inqis li l-impatt kwalifika/i huwa [limitat] / [sinifikanti]. [ħassar kif jixraq]

Dan l-impatt jikkorrispondi għal … [ammont f'EUR u %] tan-nefqa totali ddikjarata. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni affettwata għalhekk hija … [ammont f'EUR]

Il-ħidma tal-awditjar imwettqa ma tpoġġix / tpoġġi f'dubju [ħassar kif jixraq] l-asserzjonijiet magħmula fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni.

[*Meta x-xogħol tal-awditjar iqajjem dubju dwar l-affermazzjonijiet li saru fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni, l-Awtorità tal-Awditjat għandha tiddivulga f'dan il-paragrafu l-aspetti li jwasslu għal din il-konklużjoni.*]

[L-awtorità tal-awditjar tista' tinkludi wkoll enfasi dwar kwistjoni, li ma taffettwax l-opinjoni tagħha, kif stabbilit fl-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment. Ċaħda ta' opinjoni tista' tiġi prevista f'każijiet eċċezzjonali.]

L-AA jenħtieġ li:

- issemmi fid-dettall u tispjega l-kwalifiki;
- tqis l-impatt tagħhom: limitat jew sinifikanti
- tikkwantifika l-impatt fir-rigward tan-nefqa ddikjarata u f'termini assoluti.

B'mod ġenerali, il-kwantifikazzjoni tal-impatt tikkorrispondi għall-RTER (bħala %) multiplikat bin-nefqa ċertifikata fil-kontijiet (bħala ammont), ħlief jekk il-kwalifika tirrelata biss għall-kontijiet. F'dan il-każ, il-kwantifikazzjoni tal-impatt hija l-ammont sħiħ identifikat mill-AA bħala żbaljat fil-kontijiet.

Barra minn dan, meta l-kwalifika tikkonċerna biss (parti minn) l-MCS, huwa rrakkomandat li l-AA tindika l-ammonti inklużi fil-kontijiet u relatati ma' (din il-parti) tal-MCS u tqis l-ammonti affettwati mill-kwalifika[32].

Kif indikat fit-tabella taħt it-taqsima III.1 hawn fuq, l-istima tal-impatt ta' kwalifika dwar l-MCS bħala "limitat" hija meqjusa xierqa meta din tirrelata ma' irregolaritajiet (li għadhom mhux korretti fil-kontijiet) ta' aktar minn 2 % imma anqas minn 5 % tan-nefqa totali ċertifikata fil-kontijiet. Jekk dawk l-irregolaritajiet ugwali għal jew aktar minn 5 % tan-nefqa

[32] Dan jista' jsir pereżempju abbażi tat-TER, rata fissa, eċċ.

totali ċertifikata f'dawn il-kontijiet, il-kwalifika korrispondenti jenħtieġ li tiġi stmata bħala "sinifikanti". L-istess raġunament japplika meta l-ammont eżatt ta' irregolaritajiet ma jkunx jista' jiġi kkwantifikat b'mod preċiż mill-AA u tintuża rata fissa. Dan jista' jkun il-każ ta' nuqqasijiet tas-sistema.

Fil-każ tal-kwalifika dwar L/R, fil-każijiet kollha fejn l-RTER hija aktar minn 2 %, l-impatt huwa meqjus sinifikanti. Bl-istess mod, kull kwalifika dwar il-kontijiet hija meqjusa bħala waħda li għandha impatt sinifikanti.

Kif spjegat f'din it-taqsima, jenħtieġ li l-AA tagħmilha ċara sew jekk il-kwalifiki jirrelatawx mal-kontijiet, mal-legalità u mar-regolarità tan-nefqa, jew mas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll.

Fil-każ tal-programmi plurifond u fejn is-sitwazzjoni hi differenti skont il-Fond, jenħtieġ li l-AA tindika jekk il-kwalifiki japplikawx għal kul Fond u kif.

Opinjoni avversa:

| |
|---|
| Fl-opinjoni tiegħi, u abbażi tal-ħidma tal-awditjar imwettqa:<br><br>- il-kontijiet jagħtu / ma jagħtux [ħassar kif xieraq] stampa vera u ġusta, kif stabbilit mill-Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) Nru 480/2014:<br><br>- in-nefqa fil-kontijiet li għaliha ntalab rimborż mill-Kummissjoni hija / mhijiex [ħassar kif xieraq] legali u regolari;<br><br>- is-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll stabbilita taħdem / ma taħdimx [ħassar kif xieraq] kif suppost.<br><br>Din l-opinjoni avversa hija bbażata fuq dawn l-aspetti [ħassar kif jixraq]:<br><br>fir-rigward ta' kwistjonijiet materjali relatati mal-kontijiet: ….<br><br>u / jew [ħassar kif jixraq]<br><br>fir-rigward ta' kwistjonijiet materjali relatati mal-legalità u r-regolarità tan-nefqa fil-kontijiet li għalihom ikun intalab rimborż mill-Kummissjoni: …<br><br>u / jew [ħassar kif jixraq]<br><br>fir-rigward ta' kwistjonijiet materjali relatati mal-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll: …<br><br>Ix-xogħol tal-awditjar imwettaq jixħet dubju fuq id-dikjarazzjonijiet li saru fid-dikjarazzjoni tal-ġestjoni għall-aspetti li ġejjin...<br><br>[L-awtorità tal-awditjar tista' tinkludi wkoll enfasi dwar kwistjoni, li ma taffettwax l-opinjoni tagħha, kif stabbilit fl-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment. Ċaħda ta' opinjoni |

tista' tkun prevista f'każijiet eċċezzjonali.]

Dawn il-kjarifiki li jikkonċernaw il-kwantifikazzjoni tal-impatt tal-kwalifiki japplikaw ukoll għal opinjonijiet avversi.

B'mod partikolari f'każijiet ta' opinjoni kwalifikata jew avversa, l-AA hi mistennija tindika l-azzjonijiet korrettivi ppjanati jew meħuda mill-awtoritajiet differenti involuti. Jenħtieġ li l-AA tara jekk dawn l-azzjonijiet ġewx finalment implimentati u fis-sena ta' wara tirrapporta dwar l-implimentazzjoni fil-punti 4.5 u 5.12 tal-ACR.

Meta jkunu qed jiġu stabbiliti l-opinjonijiet tal-awditjar u stipulati l-livelli ta' assigurazzjoni, jenħtieġ li jkun applikat ġudizzju professjonali xieraq biex jiġi deċiż jekk is-serjetà tar-riżultati tiġġustifikax opinjoni kwalifikata / opinjoni avversa.

Limitazzjoni tal-ambitu

Jenħtieġ li tinħareġ limitazzjoni tal-ambitu meta, abbażi ta' fatturi esterni[33], l-AA ma tkunx tista' twettaq ix-xogħol kollu tal-awditjar meħtieġ li kien ippjanat u li kien jippermettilha tħejji opinjoni tal-awditjar valida u sostanzjata għal kull wieħed mit-tliet komponenti tagħha.

Fejn jitqies li **limitazzjoni tal-ambitu** hija meħtieġa, jenħtieġ li l-AA tqis l-impatt (jekk ikun hemm) fuq in-nefqa ċċertifikata fil-kontijiet[34]. F'każ li l-impatt hu stmat bħala materjali, ma tistax tingħata opinjoni mhux kwalifikata. F'tali każijiet, jenħtieġ li l-AA toħroġ opinjoni kwalifikata jew, f'każijiet eċċezzjonali, tqis ċaħda ta' opinjoni.

Ċaħda tal-opinjoni

F'każijiet eċċezzjonali, l-AA tista' tippreżenta ċaħda tal-opinjoni. Dan hu biss il-każ meta l-AA ma tkunx tista' twettaq awditjar tal-kontijiet (ara hawn taħt għal kontijiet b'valur żero), tan-nefqa ddikjarata jew tal-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll minħabba fatturi esterni li jaqgħu barra r-responsabbiltajiet tal-AA. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-AA tispjega għala ma setgħetx tasal għal opinjoni tal-awditjar.

Iċ-ċaħda tista' tiġi abbozzata kif ġej:

*Minħabba r-relevanza tal-kwistjoni deskritta fil-paragrafu hawn fuq, ma stajtx nikseb biżżejjed evidenza xierqa għall-awditjar biex nipprovdi bażi għal opinjoni tal-awditjar. Għalhekk, mhux qed nesprimi opinjoni tal-awditjar minħabba l-limitazzjoni tal-ambitu dwar l-element(i) li ġej(jin):*

- *il-kontijiet;*

[33] Pereżempju, min qed ikun awditjat jirrifjuta l-aċċess għal dokumenti.

[34] L-istima tista' tkun ibbażata fuq l-ammonti fil-kontijiet li għalihom ma setax jitwettaq ix-xogħol tal-awditjar meħtieġ.

*u/jew [ħassar kif jixraq]*

- *il-legalità u r-regolarità tan-nefqa li għaliha intalab rimborż mill-Kummissjoni;*

*u/jew [ħassar kif jixraq]*

- *il-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll.*

Ċaħda tal-opinojni f'każ li ma tkun iddikjarata l-ebda nefqa lill-Kummissjoni matul is-sena kontabilistika:

F'każ li ma tkun ġiet iddikjarata ebda nefqa lill-Kummissjoni fir-rigward tas-sena kontabilistika u li s-CA ma jkollha ebda ammont ta' kontribuzzjonijiet tal-programm imħallsa lill-istrumenti finanzjarji skont l-Artikolu 41(1) tas-CPR jew avvanzi ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 131(4) tas-CPR irreġistrati fil-kontijiet, hi meqjusa xierqa **ċaħda tal-opinjoni** (li tkopri t-tliet elementi tal-opinjoni).

Dan japplika anki meta l-AA tkun diġà wettqet xi awditi tas-sistema. Ir-riżultati ta' dawn l-awditi għandhom ikunu rrappurtati taħt it-taqsima 4 tal-ACR. Madankollu, minħabba li ma ġie ċċertifikat l-ebda ammont fil-kontijiet, hi meqjusa xierqa ċaħda tal-opinjoni (minħabba l-kontijiet u L/R).

Dan l-approċċ ma japplikax għal każijiet ta' nefqa limitata ddikjarata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-sena kontabilistika. F'dawn il-każijiet jenħtieġ li tinħareġ opinjoni tal-awditjar mill-AA abbażi tax-xogħol tal-awditjar imwettaq minnha.

## 3. Programmi plurifond, sistemi komuni u opinjonijiet tal-awditjar differenti skont il-programm

Fil-każ ta' programm plurifond, l-opinjoni tal-awditjar tapplika għall-Fondi kollha taħt dak il-programm.

Fil-każ ta' diversi programmi raggruppati taħt u koperti minn MCS komuni, is-CPR tippermetti li l-AA tirrapporta TER wieħed ibbażat fuq kampjun uniku li jkopri lil dawn il-programmi raggruppati u ACR wieħed għall-programmi raggruppati. Madankollu għandhom jinħarġu opinjonijiet tal-awditjar separati għal kull programm skont l-Artikolu 127 (5) tas-CPR[35]. It-tip tal-opinjoni tal-awditjar għalhekk tista' tvarja minn programm għal ieħor, minkejja li l-programmi jiġu raggruppati. Tabilħaqq, jekk l-awditi tas-sistema jew l-analiżi tal-iżbalji identifikati fil-kampjun aleatorju taħt MCS komuni juru nuqqasijiet partikolari għal

[35] L-Artikolu 127(5) tar-Regolament (UE) Nru 13032013 jirreferi li "*L-awtorità tal-awditjar għandha tfassal: (a) opinjoni tal-awditjar ... (b) rapport ta' kontroll ... Fejn sistema komuni ta' ġestjoni u ta' kontroll tapplika għal aktar minn programm wieħed, l-informazzjoni meħtieġa taħt il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tista' tingħaqad f'rapport wieħed.*"

programm wieħed uniku (jew xi programmi) inklużi f'dik is-sistema komuni, l-AA tista' tikkunsidra li tvarja l-opinjoni tal-awditjar tagħha għal dan (dawn) il-programm(i) partikolari[36]. Għalhekk, SFC2014 jippermetti li l-AA iddaħħal diversi opinjonijiet tal-awditjar għal kull programm taħt MCS komuni. L-AA hija mistennija li fl-ACR tispjega l-evidenza tal-awditjar u r-riżultati li jappoġġjaw l-opinjonijiet tal-awditjar divrenzjati fl-MCS komuni.

## 4. Opinjoni tal-awditjar mhux adegwata

Fost l-oħrajn, il-Kummissjoni tqis il-każijiet li ġejjin bħala opinjoni tal-awditjar mhux adegwata:

– Opinjoni mhux kwalifikata għalkemm ma tkun ġiet iddikjarata l-ebda nefqa lill-Kummissjoni għas-sena kontabilistika ta' referenza (ara wkoll iċ-ċaħda tal-opinjoni hawn fuq);

– Opinjoni mhux kwalifikata għalkemm ma jkun twettaq l-ebda awditu tal-operazzjonijiet fuq in-nefqa tas-sena kontabilistika ta' referenza;

– Opinjoni mhux kwalifikata għalkemm l-AA ma tkunx awditjat parti sinifikanti mill-operazzjonijiet fil-kampjun (impatt materjali fuq it-TER);

– Opinjoni mhux kwalifikata għalkemm ir-rata tal-iżball totali kienet aktar mil-livell ta' materjalità, u / jew ikunu ġew identifikati dgħufijiet sinifikanti fl-awditi tas-sistema, mingħajr ma jkunu ttieħdu l-miżuri korrettivi xierqa (ara t-taqsima II.5 ta' din il-gwida) mill-awtoritajiet nazzjonali fil-ħin qabel id-divulgar tal-opinjoni tal-awditjar;

– Limitazzjoni tal-ambitu meta l-AA tqis li l-kampjun tal-awditi tal-operazzjonijiet mhux rappreżentattiv u l-AA ma tkunx estendiet il-kampjun tagħha / ħejjiet kampjun addizzjonali;

– Ċaħda tal-opinjoni minħabba li ma jkunux ġew finalizzati l-proċeduri kontradittorji għal awditi tal-operazzjonijiet / jew awditi oħra.

[36] Sakemm l-AA jkollha evidenza tal-awditjar suffiċjenti biex tħejji opinjonijiet tal-awditjar varjati għall-programmi fil-kampjun uniku għal MCS komuni, ara wkoll it-taqsima 5.3 fir-rigward tal-kampjun.

# IV. IT-TRATTAMENT TAL-IŻBALJI IDENTIFIKATI MILL-AWTORITAJIET TAL-AWDITJAR BIL-ĦSIEB LI JIĠU DETERMINATI U RAPPORTATI R-RATI TA' ŻBALL RESIDWU TOTALI AFFIDABBLI FIR-RAPPORTI ANNWALI TA' KONTROLL

Din it-taqsima għandha l-għan li tipprovdi gwida lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, b'mod partikolari l-awtoritajiet tal-awditjar (AAs), b'rabta mat-trattament u l-evalwazzjoni tal-iżbalji identifikati fil-kuntest tal-awditi mwettqa mill-AAs, b'mod partikolari l-awditi tal-operazzjonijiet. Din it-taqsima tipprovdi wkoll kjarifiki dwar il-kalkolu tar-rata ta' żball totali, ir-rata ta' żball totali residwa, il-miżuri korrettivi relatati u l-impatt tagħhom fuq l-opinjoni tal-awditjar tal-AA ippreżentata taħt l-Artikolu 127(5)(a) tar-CPR.

Barra minn dan, din it-taqsima tipprovdi wkoll informazzjoni addizzjonali għan-noti ta' gwida tal-Kummissjoni li ġejjin:

- *Gwida dwar metodi ta' kampjunar għall-Awtoritajiet tal-Awditjar* (EGESIF_16-0014-01 tal-20/1/2017 u l-emendi sussegwenti tagħha), aktar 'il quddiem "Gwida dwar kampjunar";
- *Nota ta' gwida dwar l-awditjar tal-kontijiet* (EGESIF 15_0016) , kif aġġornata
- *Nota ta' gwida dwar ammonti rtirati, irkuprati, li għandhom ikunu rkuprati u ammonti li ma jistgħux ikunu rkuprati* (EGESIF 15_0017), kif aġġornata.

## 1. *Evalwazzjoni* ta' żbalji

### 1.1 Ħarsa ġenerali lejn it-tipi ta' żbalji

Kif mitlub mill-istandards ta' awditjar internazzjonali, partikolarment ISA 530, jenħtieġ li l-ACR tippreżenta l-evalwazzjoni tal-iżbalji identifikati fil-kuntest tal-awditi tal-operazzjonijiet tal-AA, kif ukoll il-miżuri korrettivi (ara t-taqsima IV.3 hawn taħt). L-iżbalji identifikati f'dawk l-awditi jistgħu jkunu aleatorji, sistemiċi, magħrufa jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, anomali. Dawn il-kunċetti huma spjegati fit-taqsimiet li ġejjin.

Wara l-evalwazzjoni tal-iżbalji, jenħtieġ li l-AA tikkalkula t-TER (ir-rata ta' żball totali) u l-RTER (ir-rata ta' żball residwu b'kunsiderazzjoni għal korrezzjonijiet implimentati), kif spjegat fit-taqsimiet IV.2 u IV/4 hawn taħt. Jenħtieġ li l-AA tippjana l-ħidma tagħha b'tali mod li jippermetti li l-evalwazzjoni ssir sew u l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri korrettivi fil-ħin qabel jippreżentaw il-pakkett ta' assigurazzjoni u b'mod li jkunu riflessi kif xieraq fil-kontijiet tal-programm. Il-ġudizzju professjonali użat mill-AA għall-evalwazzjoni tal-iżbalji jenħtieġ li jkun spjegat fl-ACR.

## 1.2 Żbalji aleatorji

L-iżbalji li l-AA tqis li mhumiex sistemiċi jew anomali huma klassifikati bħala żbalji aleatorji. Dan il-kunċett jippreżumi l-probabbiltà li żbalji aleatorji bħal dawn li jinstabu fil-kampjun awditjat huma preżenti wkoll fil-popolazzjoni li ma kinitx awditjata, minħabba li l-kampjun huwa rappreżentattiv. Għalhekk, dawn l-iżbalji għandhom ikunu inklużi fil-projezzjoni tal-iżbalji - ara t-taqsima IV.2 hawn taħt.

Il-kalkolu tal-projezzjoni ta' żbalji aleatorji jvarja skont il-metodu ta' kampjunar magħżul, kif deskritt fil-Gwida dwar il-metodi ta' kampjunar għall-AAs.

## 1.3 Żbalji sistemiċi

L-iżbalji sistemiċi huma żbalji misjuba fil-kampjun awditjat li għandhom impatt fuq il-popolazzjoni mhux awditjata u jseħħu f'ċirkostanzi definiti sew u simili. Huma ġeneralment assoċjati ma' proċeduri ineffettivi ta' kontroll fl-MCS (f'parti minnha). Tabilħaqq, l-identifikazzjoni ta' żball sistemiku potenzjali timplika t-twettiq ta' xogħol supplementari meħtieġ għall-identifikazzjoni tal-portata totali tiegħu u l-kwantifikazzjoni sussegwenti. Dan ifisser li <u>is-sitwazzjonijiet kollha fil-popolazzjoni</u> suxxettibbli li jinkludu żball tal-istess tip bħal dak identifikat fil-kampjun jenħtieġ li jkunu identifikati, biex b'hekk ikun jista' jiġi delimitat l-effett totali tal-iżball sistemiku fil-popolazzjoni[37]. Skont l-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, *"F'każ ta' irregolarità sistemika, l-Istat Membru għandu jestendi l-investigazzjoni tiegħu b'mod li jkopri l-operazzjonijiet kollha li jistgħu jkunu milquta."*.

Il-Gwida dwar metodi ta' kampjunar għall-AAs tipprevedi kjarifiki dwar il-projezzjonijiet meta jiġu identifikati kemm żbalji aleatorji kif ukoll żbalji sistemiċi.

Jeżistu żewġ xenarji possibbli għall-kalkolu tat-TER fir-rigward ta' żbalji sistemiċi:

a) L-Istat Membru jkun iddelimita l-iżball sistemiku fl-operazzjonijiet kollha potenzjalment milquta, li jippermettilu jiddetermina l-impatt eżatt fuq il-popolazzjoni. L-iżball sistemiku identifikat fil-kampjun ma jiġix estrapolat imma miżjud bħala ammont assolut mal-ammont tal-iżball għall-kalkolu tat-TER.

b) Fl-istadju ta' rappurtar lill-Kummissjoni, l-Istat Membru jista' biss jiddelimita parzjalment l-ambitu tal-iżball sistemiku fil-popolazzjoni kollha (ma' hemm l-ebda informazzjoni disponibbli dwar l-impatt eżatt tal-iżball sistemiku). L-iżball aleatorju identifikat fil-kampjun jiġi ttrattat bħala aleatorju (u għalhekk jikkontribwixxi għall-estrapolazzjoni) għall-fini tal-kalkolu tat-TER.

---

[37] Pereżempju, jista' jkun li ċertu żball ikun ġie identifikat f'operazzjoni kofinanzjata taħt assi ta' prijorità relatat ma' inġinerija finanzjarja. Jista' jkun li dan l-iżball iseħħ f'operazzjonijiet oħra fl-istess assi ta' prijorità. L-AA trid tiddetermina jekk dan huwiex il-każ, f'kooperazzjoni mal-Awtorità ta' Ġestjoni.

Fir-rigward tan-nefqa ddikjarata fis-sena kontabilistika ta' referenza, il-korrezzjonijiet finanzjarji kollha implimentati li jikkorrispondu għall-iżbalji sistemiċi korretti (kompletament jew parzjalment) u kwalunkwe ammont relatat li jkun tneħħa mill-kontijiet minħabba valutazzjoni kontinwa (jiġifieri nefqa potenzjalment affettwata mill-iżball sistemiku mneħħi għal aktar verifika sabiex ikun delimitat l-iżball sistemiku) għandhom jiġu kkunsidrati għall-kalkolu tal-RTER (ara t-taqsima IV.4 hawn taħt)[38].

### 1.4 Żbalji anomali

Żball li b'mod evidenti mhuwiex rappreżentattiv tal-popolazzjoni jissejjaħ żball anomalu. Kampjun statistiku huwa rappreżentattiv tal-popolazzjoni u għalhekk żbalji anomali jenħtieġ li jkunu rrappurtati biss f'ċirkostanzi rari ħafna u debitament motivati. Ir-rikors frekwenti għal dan il-kunċett mingħajr ġustifikazzjoni dovuta jista' jxekkel l-affidabbiltà tal-kalkolu tat-TER u l-opinjoni tal-awditjar tal-AA.

L-AA hija mitluba li fl-ACR tipprovdi grad għoli ta' ċertezza li tali żball anomalu tabilħaqq mhuwiex rappreżentattiv tal-popolazzjoni u biex tispjega l-proċeduri tal-awditjar addizzjonali li tkun wettqet biex tikkonkludi dwar l-eżistenza ta' żball anomalu, kif mitlub mill-ISA Nru 530 li jkompli jispeċifika:

> *"A.19. Meta dikjarazzjoni skorretta tkun ġiet stabbilita bħala anomalija, din tista' tiġi eskluża meta dawn id-dikjarazzjonijiet skorretti jiġu projettati għall-popolazzjoni. Madankollu, l-effett ta' tali dikjarazzjoni żbaljata, jekk ma tkunx ikkoreġuta, xorta waħda jrid jitqies flimkien mal-projezzjoni tad-dikjarazzjonijiet skorrettimhux anomali".*
>
> *A.22. Fil-każ ta' testijiet ta' dettalji, id-dikjarazzjoni skorretti pprojettati flimkien ma' dikjarazzjoni skorretta anomala, jekk ikun hemm, hija l-aqwa stima tal-awditur tad-dikjarazzjoni skorretta fil-popolazzjoni. Meta d-dikjarazzjoni skorretta pprojettata flimkien mad-dikjarazzjoni skorretta anomala, jekk ikun hemm, teċċedi d-dikjarazzjoni skorretta tollerabbli, il-kampjun ma jipprovdix bażi raġonevoli għall-konklużjonijiet dwar il-popolazzjoni li tkun ġiet ittestjata. (...)"*

Dan ifisser li l-ammont tal-iżball anomalu għandu jiġi miżjud fil-kalkolu tat-TER jekk dan ma jkunx ġie kkoreġut, kif iddikjarat fit-taqsima IV.2 hawn taħt.

Jekk l-iżball anomalu jkun ġie kkoreġut qabel ma l-ACR ikkonċernata tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni (f'talba għal pagament jew fil-kontijiet (fl-abbozz tagħhom), allura dan ma jgħoddx għat-TER u l-korrezzjoni korrispondenti ma għandhiex titqies għall-kalkolu tal-

[38] F'każijiet eċċezzjonali ta' żbalji sistemiċi li għadhom ma ġewx delimitati għalkollox, dawn l-iżbalji jistgħu jiġu esklużi mill-kalkolu tal-RTER (skont il-Valur D) skont il-kundizzjonijiet li (i) l-iżball sistemiku jkun seħħ biss f'parti limitata tan-nefqa, u (2) in-nefqa globali potenzjalment affettwata minn dan l-iżball titneħħa mill-kontijiet għall-valutazzjoni sabiex ikun jista' jiġi delimitat kompletament l-iżball sistemiku.

RTER. Dan l-approċċ huwa applikabbli biss għal żbalji anomali minħabba n-natura eċċezzjonali tagħhom, kif previst fl-istandard tal-awditjar ikkwotat.

Każ partikolari jista' jseħħ meta l-AA ssib irregolaritajiet differenti fl-istess operazzjoni, fejn waħda minnhom titqies bħala żball anomalu. F'dan il-każ, l-iżball parzjali aleatorju jenħtieġ li jkun projettat għall-popolazzjoni. L-iżball anomalu f'dik l-istess operazzjoni jiġi miżjud mat-TER, sakemm ma jkunx ikkoreġut qabel ma jiġi ppreżentat l-ACR. Minħabba li l-iżball aleatorju jirrappreżenta żbalji oħra possibbli fil-popolazzjoni, dan jenħtieġ li jkun estrapolat għall-bqija tan-nefqa tal-popolazzjoni sabiex it-TER ikun jista' jitqies kif suppost.

### 1.5 Żbalji magħrufa

Tip partikolari ta' żball li ma għandux ikun konfuż ma' żbalji sistemiċi jeżisti meta żball li jinstab f'operazzjoni / talba għal pagament fil-kampjun iwassal biex l-awditur jinnota żball wieħed jew aktar barra dak il-kampjun fl-istess operazzjoni. Żball bħal dan jista' jiġi klassifikat bħala "żball magħruf"[39]. L-approċċ rakkomandat biex wieħed jittratta dawn l-iżbalji huwa kif ġej:

L-iżball aleatorju fil-kampjun (jiġifieri l-iżball li wassal biex ikun identifikat l-iżball magħruf barra mill-kampjun) għandu jkun estrapolat bħal kull żball aleatorju ieħor. L-ammont tal-iżball magħruf barra mill-kampjun ma jiġix miżjud mat-TER. Din ir-rakkomandazzjoni tirriżulta mill-fatt li,b'kuntrarju għal żbalji sistemiċi delimitati, id-delimitazzjoni tal-iżball magħruf ġeneralment issir fil-livell tal-operazzjoni fejn l-iżball kien identifikat. Dan il-proċess ma jipprovdix konferma jekk operazzjonijiet oħra affettwati minn dan it-tip ta' żball jibqgħux fil-popolazzjoni. Madankollu, l-iżball magħruf jenħtieġ li jkun ikkoreġut ukoll.

L-iżbalji magħrufa li jikkonċernaw snin kontabilistiċi preċedenti jenħtieġ li jkunu kkoreġuti wkoll. Madankollu, dawn ma jiġux inklużi fil-kalkolu ta' TER u RTER tas-sena kontabilistika li dwarha jkun qed isir ir-rapportar.

## 2. Rata ta' Żball Totali (TER)

### 2.1 Kalkolu tat-TER

B'mod ġenerali, l-iżbalji kollha misjuba fil-kuntest tal-kampjun aleatorju użat għall-awditi tal-operazzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati għall-kalkolu tat-TER[40]. Il-kalkolu tat-TER

[39] Pereżempju, jekk jinstab li kuntratt huwa illegali skont ir-regoli tal-akkwist pubbliku, x'aktarx li parti min-nefqa irregolari relatata tkun ġiet iddikjarata għal dik l-operazzjoni f'talba għal pagament jew fattura inkluża fil-kampjun awditjat. In-nefqa li jkun baqa' għal dik l-operazzjoni setgħet kienet iddikjarata f'talbiet għal pagament jew fatturi mhux inklużi f'dak il-kampjun, fil-popolazzjoni awditjata jew fil-popolazzjoni tas-sena preċedenti.

[40] Id-dikjarazzjoni eċċessiva tan-nefqa mhux relatata ma' irregolaritajiet (bħal żbalji klerikali li jseħħu, pereżempju, meta wieħed jikkopja jew jikteb informazzjoni manwalment) mhix meqjusa bħala żball għall-kalkolu tat-TER.

għalhekk jenħtieġ li jirrifletti l-analiżi li tkun saret mill-AA fir-rigward tat-tipi differenti ta' żbalji[41] identifikat fil-kuntest tal-awditi tal-operazzjonijiet imwettqa taħt l-Artikolu 127(1) tas-CPR.

**Għaldaqstant l-iżball totali jikkorrispondi għas-somma tal-komponenti rilevanti tal-iżball, jiġifieri: żbalji każwali projettati, żbalji aleatorji stabbiliti fl-istrat/i eżawrjenti, jekk ikun hemm, żbalji sistemiċi delimitati tajjeb u kull żball anomalu mhux ikkoreġut.**

**L-ammont tal-iżball totali li jinkiseb b'dan il-mod imbagħad jiġi diviż bl-ammont tan-nefqa fil-popolazzjoni tal-kampjunar tas-sena kontabilistika ta' referenza sabiex jinkiseb it-TER– ara wkoll il-mudell fl-Anness 3.**

It-TER jirrappreżenta l-aħjar stima ta' żball fil-popolazzjoni[42] għal dik is-sena kontabilistika. It-TER, li hija rrappreżentata fl-ACR, jenħtieġ li tkun ir-rata ta' żball qabel ma tkun ġiet applikata kwalunkwe miżura korrettiva mill-Istat Membru bħala riżultat tal-awditjar tal-AA.[43]

## 2.2 Każijiet partikolari

### *2.2.1 Żbalji diġà identifikati mill-MA, l-IB jew is-CA fin-nefqa li huma suġġetti għal awditi tal-operazzjonijiet*

#### *2.2.1.1 Irregolaritajiet diġà identifikati u li tkun ittieħdet azzjoni fuqhom mill-MA, l-IB jew is-CA, imma li ma jkunux għadhom ġew ikkoreġuti qabel ittieħed il-kampjun mill-AA*

Kif iddikjarat hawn fuq, b'mod ġenerali l-irregolaritajiet kollha misjuba għandhom jiġu kkunsidrati għall-kalkolu tar-rata tal-iżball totali u jiġu rrappurtati fl-ACR. Dan jinkludi l-irregolaritajiet identifikati mill-AA (matul l-awditi tagħha tal-operazzjonijiet) li jkunu diġà ġew identifikati (b'mod partikolari mill-MA, l-IB jew is-CA), qabel ma tħejja l-kampjun mill-AA, imma li ma jkunux ġew ikkoreġuti mill-Istat Membru.

Dawn l-irregolaritajiet jistgħu jkunu esklużi mill-projezzjoni u l-kalkolu tat-TER jekk ikun hemm evidenza dokumentata li:

- l-awtoritajiet nazzjonali jkunu identifikaw l-irregolarità u kienu diġà qed jieħdu l-miżuri meħtieġa (pereż. tnedija tal-proċedura tal-irkupru) qabel ma kien imħejji l-kampjun tal-AA, u
- l-ammont irregolari jkun ġie kkoreġut jew permezz ta' talba għal pagament matul is-sena kontabilistika, jew fil-kontijiet (abbozz) li ser ikunu ppreżentati lill-Kummissjoni.

[41] Kif deskritt fit-taqsima IV.1 hawn fuq.

[42] Fil-każijiet eċċezzjonali fejn is-somma tal-iżbalji individwali fil-kampjun u l-iżbalji magħrufa li jirriżultaw mix-xogħol tal-awditjar tal-AA (u relatat man-nefqa tas-sena kontabilistika) hija ogħla mill-projezzjoni ta' żbalji tal-kampjun, jenħtieġ li l-AA tqis is-somma ta' dawn l-iżbalji bħala stima aħjar tal-iżball fil-popolazzjoni mill-iżball projettat. F'każijiet bħal dawn iż-żewġ żbalji jenħtieġ li jiġu divulgati fl-ACR.

[43] Ħlief ċerti każijiet ta' żbalji identifikat mill-MA jew xi korp ieħor qabel l-AA tagħżel il-kampjuni, kif iċċarat fit-taqsima IV.2.2 hawn taħt.

Fi kwalunkwe każ, it-trattament tal-irregolarità kkonċernata jenħtieġ li jkun rappurtat b'mod speċifiku u ċar u spjegat fl-ACR, fit-taqsima 5 dwar l-awditjar tal-operazzjonijiet.

*2.2.1.2 Irregolaritajiet identifikati imma kkoreġuti b'mod mhux suffiċjenti qabel ma jkun ittieħed il-kampjun mill-AA*

Matul l-awditi tagħha, l-AA tista' tidentifika li tkun ġiet identifikata irregolarità matul kontroll preċedenti (b'mod partikolari mill-MA / l-IB jew is-CA) jew awditu, imma r-rata tal-korrezzjoni applikata kienet anqas mir-rata li l-AA tqis li kellha tiġi applikata. F'sitwazzjoni bħal din, id-differenza fl-ammont li tirriżulta mill-korrezzjoni skont ir-rata determinata mill-AA u l-ammont li bih kienet saret il-korrezzjoni (fil-livell ta' talba għal pagament lill-Kummissjoni qabel ma l-kampjun tħejja mill-AA) għandha tiġi kkunsidrata għall-kalkolu tat-TER.

*2.2.1.3 Irregolaritajiet li jirrelataw man-nefqa korretta wara li l-kampjun ikun ittieħed mill-AA*

Meta tkun qed tagħmel l-awditjar tal-operazzjonijiet, l-AA tista' tidentifika nefqa irregolari li tkun ġiet ikkoreġuta (irtirata jew irkuprata) mill-Istat Membru wara li jkun intgħażel il-kampjun tal-operazzjonijiet. F'termini tal-arranġamenti prattiċi li għandhom ikunu adottati mill-AA għal awditi fuq il-post, huma previsti żewġ każijiet differenti:

(1) F'każ li n-nefqa irregolari kkoreġuta tkun tikkonċerna n-nefqa kollha ta' operazzjoni partikolari inkluża fil-kampjun magħżul mill-AA, l-AA mhix meħtieġa li tawditja tali operazzjoni fuq il-post. Il-kampjun ma' għandux ikun modifikat, jiġifieri l-operazzjoni in kwistjoni ma għandhiex tkun sostitwita minn operazzjoni oħra.

(2) F'każ li n-nefqa irregolari kkoreġuta tkun tikkonċerna parti biss min-nefqa ta' operazzjoni partikolari (għalhekk b'ċertifikazzjoni parzjalment revokata) inkluża fil-kampjun magħżul mill-AA, jenħtieġ li l-AA tawditja l-operazzjoni sabiex tinnota jekk il-parti li tkun baqgħet fit-talba għal pagament lill-Kummissjoni hix mingħajr żbalji.

Fiż-żewġ każijiet, in-nefqa irregolari jenħtieġ li tkun ikkunsidrata fit-TER bl-eċċezzjoni tal-każijiet imsemmija fit-taqsima IV.2.2.1.1.

### *2.2.2 Ammonti irregolari ta' anqas minn 250 EUR*

Ammonti irregolari ta' anqas minn EUR 250[44] ma għandhomx għalfejn ikunu rimborżati lill-baġit tal-Unjoni (għalhekk ma għandhomx għalfejn jitnaqqsu mill-ammonti ċertifikati).

[44] Aktar dettalji dwar il-kalkolu tal-limitu ta' 250 EUR jingħataw fit-taqsima 10 tal-*Gwida dwar l-ammonti rtirati, rkuprati, li jridu jiġu rkuprati jew li ma jistgħux jiġu rkuprati* (EGESIF 15_0017) tal-Kummissjoni, kif aġġornata

Madankollu, dawn għandhom ikunu inklużi fil-kalkolu tat-TER, filwaqt li jkun stmat l-iżball fil-popolazzjoni kollha u l-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll.

### *2.2.3 Riserva fin-nefqa fil-livell tal-proġett*

Għall-fini tal-awditi tal-operazzjonijiet skont l-Artikolu 127(1) tas-CPR, kif hemm speċifikat ukoll fl-Artikolu 28(3) tar-Regolament (UE) 480/2014, l-unika nefqa ddikjarata f'talbiet għal pagament lill-Kummissjoni tikkostitwixxi l-popolazzjoni għal dawn l-awditi. Għaldaqstant, l-awtoritajiet tal-awditjar huma mistennija li jistmaw l-iżball biss fir-rigward ta' tali nefqa.

Konsegwentement, l-ammont nett aġġustat mar-riserva fin-nefqa fil-livell tal-proġett kif deskritt fil-gwida għall-perjodu 2007 - 2013[45] ma jibqax applikabbli. L-AAs li jkunu użaw din il-prattika skont it-taqsima 5.5 tal-gwida 2007-2013 huma mħeġġa li jaġġustaw il-prattika tagħhom skont dan, tal-anqas fil-pakketti tal-assigurazzjoni li għandhom jiġu ppreżentati fi Frar 2020 b'rabta mal-awditi tal-operazzjonijiet għas-sena kontabilistika 2018/2019. Jenħtieġ li l-AA tikkonsulta mal-Kummissjoni għat-trattament ta' kwalunkwe każ speċifiku f'dan ir-rigward.

### *2.2.4 Żbalji ta' dikjarazzjoni eċċessiva ta' ammont nett aġġustat kontra żbalji ta' sottostima*

Meta wieħed iqis li l-kunċett ta' żball huwa relatat ma' dikjarazzjonijiet eċċessivi mhux dovuti fin-nefqa ddikjarata, żbalji ta' dikjarazzjoni eċċessiva ma għandhomx jitnaqqsu minn dikjarazzjonijiet eċċessivi fil-kalkolu tat-TER.

### *2.2.5 Il-frodi u s-suspett ta' frodi kif jenħtieġ li jkunu riflessi fir-rata ta' żball?*

#### *2.2.5.1 Frodi*

In-nefqa fil-kampjun awditjat, fejn tiġi stabbilita frodi f'deċiżjoni / att formali minn korp ġudizzjarju nazzjonali kompetenti jew tiġi identifikata f'dokument / rapport formali li jinkludi konklużjonijiet minn awtorità kompetenti tal-UE jew nazzjonali[46] wara li ssir investigazzjoni, għandha titqies bħala żball li għandu jkun inkluż fit-TER.

#### *2.2.5.2 Suspett ta' frodi*

Meta l-AA ikollha evidenza relatata ma' suspett ta' frodi dwar in-nefqa li minnha jkun ittieħed il-kampjun, in-nefqa inkwistjoni tista' titqies bħala żball (aleatorju, sistemiku jew

[45] Ara t-taqsima 5 tal-Gwida dwar it-trattament ta' żbalji divulgati fir-rapporti annwali ta' kontroll (COCOF_11-0041-01) tal-Kummissjoni.

[46] Frodi tista' tkun stabbilita minn korpi amministrattivi u ta' investigazzjoni kriminali speċjalizzati kontra l-korruzzjoni / kontra l-frodi tal-UE jew nazzjonali (jiġifieri l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jew Is-Servizz ta' Koordinazzjoni Kontra l-Frodi (AFCOS) stabbiliti f'kull Stat Membru,

anomalu) u tiġi inkluża fit-TER, skont l-evidenza disponibbli u l-ġudizzju professjonali tal-AA.

F'kull każ, jenħtieġ li l-AA twettaq ix-xogħol ta' awditjar tagħha fuq in-nefqa inkwistjoni sabiex tikkonkludi jekk hemmx xi irregolaritajiet f'din in-nefqa, mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe investigazzjoni dwar frodi. L-iżbalji relatati mal-irregolaritajiet identifikati huma inklużi fit-TER (sakemm mhux diġà koperti minn żball minħabba suspett ta' frodi).

F'każ li jkun hemm nefqa li tkun ġiet inkluża fil-kampjun aleatorju imma li ma tkunx tista' tiġi awditjata mill-AA minħabba nuqqas ta' rekord tal-awditjar ikkawżat minn żamma ta' dokumenti ġustifikattivi mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti minħabba suspett ta' frodi, l-AA tista' tissostitwixxi l-operazzjoni / talba għal pagament li minnhom ikun ittieħed il-kampjun b'ieħor billi tapplika għażla aleatorja għall-bqija tal-popolazzjoni, billi tuża l-istess metodu ta' kampjunar, jekk dan jista' jsir fil-ħin qabel l-iskadenza biex jiġi ppreżentat l-ACR.

Jekk l-AA ma tkunx issostitwiet l-operazzjoni / talba għal pagament li minnhom ikun ittieħed il-kampjun inkwistjoni u jekk il-kwantifikazzjoni tal-irregolarità mhix possibbli abbażi tal-informazzjoni disponibbli, l-AA jenħtieġ li tiddivulga fl-ACR il-każijiet identifikati minn din is-sitwazzjoni eċċezzjonali u l-impatt potenzjali ta' dan fuq il-kalkolu tat-TER [47] u l-opinjoni tal-AA.

### *2.2.6 Falliment jew insolvenza jenħtieġ li jkunu inklużi fir-rata ta' żball?*

Meta l-AA tkun inkludiet fil-kampjun tagħha operazzjoni li hija suġġetta għal proċess ta' falliment jew insolvenza, bl-effett li l-objettivi tal-operazzjoni u kundizzjonijiet oħra tal-għotja ma jkunux jistgħu jintlaħqu (pereż. għajnuna mill-Istat marbuta ma' ħolqien ta' impjiegi fil-kumpanija benefiċjarja), imma ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni partikolari ta' negliġenza min-naħa tal-MA matul l-għażla tal-operazzjoni għal kofinanzjament, din in-nefqa jenħtieġ li tkun iddikjarata sabiex dik l-operazzjoni tiġi inkluża fit-TER?

Biex nindirizzaw din il-mistoqsija, huwa importanti li wieħed jinnota d-dispożizzjoni tal-Artikolu 71(4) tas-CPR: *"Il-paragrafi 1, 2 u 3 ma għandhomx japplikaw għal kontribuzzjonijiet għal jew minn strumenti finanzjarji jew għal xi operazzjoni li tkun twaqqfet l-attività produttiva tagħha minħabba falliment mhux frodulenti".*

Minħabba din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni tqis li, fil-każ ta' waqfien tal-attività produttiva minħabba falliment mhux frodulenti, l-Istat Membru ser ikun eżentat milli jinvestiga l-irregolarità kkonċernata u milli jagħmel korrezzjonijiet finanzjarji adegwati. L-

[47] L-impatt jista' jiġi espress minn żieda tat-TER jekk żball ta' 100 % jista' jitqies għan-nefqa affettwata u jiġi inkluż fil-kalkolu tat-TER.

Istat Membru u l-Kummissjoni għalhekk mhux se jkollhom jieħdu miżuri sabiex jiġu rkuprati l-ammonti mħallsa indebitament.

Il-konsegwenza ta' dan ir-raġunament hija li meta jkun applikabbli l-Artikolu 71(4) tas-CPR ma għandu jitqies l-ebda żball fit-TER fir-rigward ta' każ ta' falliment.

Ovvjament, l-eżistenza ta' insolvenza / falliment ma tippreġudikax il-ħtieġa li l-AA tfittex assigurazzjoni li n-nefqa għall-operazzjoni inkwistjoni hija legali u regolari b'rabta mad-dispożizzjonijiet applikabbli li jkun baqa'.

Każ ta' insolvenza jew falliment jikkostitwixxi biss żball li għandu jitqies fit-TER f'żewġ sitwazzjonijiet:

1) Meta dan jirrigwarda frodi stabbilita minn korp ġudizzjarju nazzjonali kompetenti jew identifikata minn awtorità tal-UE jew nazzjonali kompetenti, fejn il-korrezzjoni jenħtieġ li tkun it-totalità tan-nefqa affettwata.

2) Meta dan ikun jirrigwarda nuqqas ta' proċedura ta' għażla adegwata mill-MA (jiġifieri ksur tal-Artikolu 125(3) tas-CPR), fejn l-iżball jista' jiġi kwantifikat għal 5 %, 10 %, 25 % jew 100 % tan-nefqa ddikjarata għall-operazzjoni inkwistjoni, abbażi tal-ġudizzju professjonali tal-AA b'kunsiderazzjoni għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) N° 480/2014[48].

Jekk wieħed miż-żewġ każijiet imsemmija hawn fuq huwa applikabbli, allura jenħtieġ li l-AA tqis ukoll iż-żmien meta jkun seħħ il-falliment, f'dan is-sens[49]:

1) Jekk l-insolvenza tkun seħħet qabel ma jkun inġabar il-kampjun mill-AA, u l-MA tkun irrispondiet mingħajr dewmien billi rrevokat il-ftehim ta' għotja u billi bdiet proċedura ta' rkupru[50], din hija sitwazzjoni simili għal dik koperta mit-taqsima IV.2.2.1.1 hawn fuq. F'dan il-każ, l-irregolarità tista' tkun eskluża fil-projezzjoni tal-iżbalji aleatorji għall-popolazzjoni.

2) Jekk l-insolvenza tkun seħħet wara li kien inġabar il-kampjun mill-AA,(u għaldaqstant, jittieħdu l-miżuri meħtieġa mill-MA biss wara li jinġabar il-kampjun),

[48] Kwantifikazzjoni ta' 100 % tkun ġustifikata jekk l-MA ma tkunx ikkontrollat jekk is-sitwazzjoni finanzjarja tal-benefiċjarju kinitx sodisfaċenti (jiġifieri ma kinitx twassal għal falliment) u din kienet kundizzjoni li kellha tkun ikkontrollata qabel l-għażla tal-operazzjoni.

[49] Kif isegwi mit-taqsima IV.2.2.1 hawn fuq.

[50] L-azzjoni mill-MA tista' tiddependi wkoll mir-regoli nazzjonali u proċeduri relatati mal-proċessi ta' insolvenza u ta' falliment. L-AA jenħtieġ li tuża ġudizzju professjonali meta tanalizza ż-żmien tal-MA biex tirreaġixxi għas-sitwazzjoni konkreta ta' falliment jew insolvenza inkwistjoni.

l-irregolarità għandha titqies bħala żball aleatorju li għandu jkun inkluż fil-projezzjoni tal-iżbalji aleatorji (sakemm ma jkunx ġustifikat żball anomalu).

### *2.2.7 Liema strateġija jenħtieġ li tadotta l-AA f'każ li d-dokumentazzjoni ġustifikattiva għall-operazzjonijiet li minnhom ikunu ttieħdu l-kampjuni tintilef jew iġġarrab ħsara minħabba "force majeure" (pereż. diżastri naturali)?*

F'każ li d-dokumentazzjoni ta' appoġġ miżmuma fil-livell tal-benefiċjarji tintilef jew iġġarrab ħsara minħabba "force majeure" (telf ta' rekord tal-awditjar suffiċjenti, pereżempju minħabba diżastri naturali), jenħtieġ li l-AA titlob lill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati sabiex jibnu mill-ġdid ir-rekord tal-awditjar billi jużaw dokumentazzjoni miżmuma f'format elettroniku u sorsi oħra (pereż. kuntratturi, fornituri, banek). Madankollu, din ir-rikostituzzjoni tar-rekord tal-awditjar għandha ssir f'limiti raġonevoli (inkluż ħin u sforzi amministrattivi), għax jista' jkun li din ir-rikostruzzjoni toħloq diffikultà żejda jew mhux ġustifikata għall-entità tal-awditjar, abbażi ta' fatti u ċirkustanzi. Ser ikun meħtieġ ġudizzju professjonali biex tintlaħaq din il-konklużjoni.

Jista' jkun ukoll li, anki jekk ir-rekord tal-awditjar mhux komplut, id-dokumentazzjoni nieqsa ma tkunx kruċjali biex wieħed jiddetermina jekk in-nefqa hix eliġibbli biex tippermetti lill-AA tikkonkludi dwar l-operazzjoni. F'dan il-każ, jenħtieġ li l-AA tiddivulga din l-informazzjoni fl-ACR.

Għall-operazzjonijiet fejn fil-fatt ir-rekord tal-awditjar ma jistax jiġi rikostitwit (tal-anqas parzjalment) minħabba "force majeure" (ikkawżata pereżempju minn diżastri naturali) jew l-ispejjeż ta' dik ir-rikostituzzjoni huma akbar mill-benefiċċju li jkun żgurat ir-rekord tal-awditjar, jenħtieġ li l-MA tikseb il-konferma (pereż. ittra mingħand il-benefiċjarju jew l-IB), li dan huwa l-każ u li l-isforzi kollha biex tiġi rkuprata d-dokumentazzjoni fallew. Din l-informazzjoni jenħtieġ li tkun aċċettabbli għall-awtoritajiet tal-awditjar nazzjonali. B'din il-konferma, l-MA imbagħad tkun tista' tikkonkludi li ma jistax ikun hemm konformità mal-Artikolu 140 tas-CPR (disponibbiltà ta' dokumenti) għall-operazzjonijiet inkwistjoni, minħabba każ ta' "force majeure".

L-MA jenħtieġ li jkollha lista tal-operazzjonijiet kollha affettwati, li mbagħad jenħtieġ li jkunu esklużi mill-popolazzjoni li minnha jittieħed il-kampjun tal-AA, jekk il-każ ta' "force majeure" ikun seħħ qabel. Jekk l-AA tkun diġà għażlet tali operazzjonijiet għall-awditjar fuq il-post u l-ebda proċedura alternattiva ma tkun fattibbli biex tiġi verifikata l-eliġibbiltà tan-nefqa, allura huwa previst li ssir sostituzzjoni b'operazzjonijiet oħra.

Għall-kalkolu tar-rata ta' żball projettata f'tali każijiet l-AA tista' tuża, b'analoġija, il-formuli proposti mill-Kummissjoni għal arranġament ta' kontroll proporzjonali. Dawn il-formuli, ippreżentati fil-Gwida dwar il-metodi ta' kampjunar għall-AAs, ġew iddisinjati biex tkun ikkalkulata r-rata tal-iżball għall-popolazzjoni kollha tan-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni,

filwaqt li parti minn din il-popolazzjoni kienet eskluża minħabba l-arranġamenti tal-Artikolu 148 (jew tkun saret sostituzzjoni tal-unitajiet tal-kampjunar)[51].

# 3. Miżuri korrettivi

## 3.1 Kunċett ta' żball ikkoreġut għad-determinazzjoni tal-RTER u l-opinjoni tal-awditjar

Għall-Kummissjoni, korrezzjoni ta' kull tip ta' żball hija l-għażla preferuta. Fil-fatt, l-analiżi u l-korrezzjoni ta' kull tip ta' żball hija dik li taderixxi l-aktar mal-valutazzjoni ta' żbalji meħtieġa mill-istandards tal-awditjar internazzjonali, partikolarment ISA 530. Konsegwentement, l-AA jenħtieġ li taħdem biex tippjana x-xogħol tagħha sabiex din l-għażla tista' tiġi applikata minn Stat Membru fil-ħin qabel jiġi ppreżentat l-ACR.

L-iżbalji kollha identifikati jenħtieġ li jiġu kkoreġuti, inkluż l-iżbalji aleatorji, sistemiċi, magħrufa u anomali.

Jekk wara li jiġu kkunsidrati l-korrezzjonijiet kollha diġà implimentati l-RTER jibqa' ogħla mil-livell ta' materjalità ta' 2 %, dan jindika livell ta' żball materjali residwu fin-nefqa tal-programm. F'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet tal-Istat Membru[52] huma mistennija japplikaw korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali (b'estrapolazzjoni) sabiex jiżguraw RTER ta' anqas minn jew ugwali għal 2 %[53] u biex jippermettu li l-AA tagħti opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa li għandha tkun ċertifikata fil-kontijiet tal-programm. Barra minn dan, kwalunkwe dgħufija identifikata fis-sistema jenħtieġ li tkun mitigata kif xeraq sabiex jiġi ggarantit li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' żbalji simili f'dikjarazzjonijiet ta' nefqa futuri.

Jekk l-Istat Membru jiddeċiedi li mhux se japplika l-korrezzjoni estrapolata fil-kontijiet, jenħtieġ li l-AA tirrifletti dan fl-opinjoni tal-awditjar tagħha (opinjoni kwalifikata dwar legalità u regolarità tkun biżżejjed).[54]

Għall-fini tal-RTER u l-opinjoni tal-awditjar, żball huwa meqjus bħala kkoreġut f'dawn il-każijiet:

[51] Dawn il-formuli jistgħu jintużaw ukoll għall-kalkolu tar-rata tal-iżball, fejn esklużjoni jew sostituzzjoni tal-unitajiet tal-kampjunar iseħħu għal raġuni oħra.

[52] L-MA jew is-CA bi qbil mal-MCS.

[53] L-Anness 4 jinkludi eżempji tal-kalkolu ta' korrezzjoni finanzjarja estrapolata biex jitnaqqas ir-riskju residwu għal-livell ta' materjalità (eżempji B u C.2)

[54] Bħala segwitu tal-opinjoni kwalifikata, il-Kummissjoni ser tivvaluta b'attenzjoni tali każijiet, u jekk ikun meħtieġ, tieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa inkluż it-tnedija ta' proċedura ta' korrezzjoni finanzjarja, b'possibbiltà ta' korrezzjoni finanzjarja netta sakemm il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 145(7) tas-CPR jiġu ssodisfati.

1) meta l-ammont irregolari jkun irtirat minn talba għal pagament *interim* ippreżentat lill-Kummissjoni matul is-sena kontabilistika ta' referenza (korrezzjonijiet relatati li se jkunu inklużi fl-Appendiċi 2 tal-kontijiet tal-programm);

jew

2) meta l-ammont irregolari jkun tnaqqas mill-kontijiet tal-programm (abbozz tiegħu) qabel ma jkun finalizzat l-ACR (korrezzjonijiet relatati li għandhom ikunu rrappurtati fl-Appendiċi 8 tal-kontijiet tal-programm).

L-ammonti mnaqqsa mill-kontijiet taħt l-Artikolu 137(2) tas-CPR (jiġifieri ammonti taħt valutazzjoni kontinwa) mhumiex meqjusa bħala korrezzjonijiet finanzjarji għall-fini tal-kalkolu tal-RTER (kif spjegat fit-taqsima IV.5 hawn taħt). Madankollu, dawn l-ammonti jistgħu jiġu kkunsidrati mill-AA għall-opinjoni tal-awditjar tagħha fil-valutazzjoni tal-miżuri korrettivi li jkunu ttieħdu mill-MA/CA biex jiġu indirizzati żbalji identifikati[55].

Aktar gwida dwar il-konsiderazzjoni ta' korrezzjonijiet għall-opinjoni tal-awditjar tingħata fit-taqsima II.9, III.1 u f'din it-taqsima, kif ukoll fit-taqsima 6 tal-Gwida dwar l-awditjar tal-kontijiet.

L-AA tivverifika il-korrezzjonijiet effettivi magħmula mill-MA/CA u rrappurtati fil-kontijiet tal-programm permezz tal-valutazzjoni finali tal-abbozz tal-kontijiet.

### 3.2 Korrezzjoni ta' żbalji sistemiċi

Fejn l-AA tkun identifikat żbalji sistemiċi u għall-fini tal-ACR, jenħtieġ li l-AA tirrapporta jekk:

1) L-ammont totali tan-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni affettwat minn dawk l-iżbalji sistemiċi huwiex determinat u jekk l-awtoritajiet responsabbli applikawx il-korrezzjoni finanzjarja meħtieġa. Id-delimitazzjoni tal-iżball sistemiku fin-nefqa mhux awditjata tista' titwettaq mill-MA, taħt is-superviżjoni tal-AA. Fil-prattika, din is-superviżjoni timplika li l-AA għandha tanalizza l-kwalità tax-xogħol tal-MA u tipprovdi konferma espliċita fl-ACR li x-xogħol ikun twettaq skont l-istandard xieraq u li l-konklużjonijiet huma xierqa.

2) Fil-każ, meta l-iżball sistemiku jkun għadu ma ġiex delimitat għalkollox qabel jiġi ppreżentat il-pakkett ta' assigurazzjoni, l-Istat Membru jkunx ikkoreġa tal-anqas in-nefqa irregolari relatata diġà stabbilita. In-nefqa li jkun baqa' fil-parti mhux awditjata tal-popolazzjoni, potenzjalment affettwata minn dan l-iżball sistemiku mbagħad tista'

[55] Pereżempju każijiet fejn l-AA tkun identifikat kwistjoni sistemika u l-MA/CA tkun iddeċidiet li tnaqqas in-nefqa potenzjalment affettwata mill-kont għal aktar valutazzjoni sabiex tikkwantifika.

titnaqqas mill-kontijiet skont l-Artikolu 137(2) tas-CPR, minħabba l-ħtieġa ta' aktar verifiki.

3) L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli indirizzawx b'mod adegwat kull nuqqas fis-sistema sabiex jimmitigaw ir-riskju ta' żbalji materjali f'talbiet għal pagament futuri.

### 3.3 Korrezzjoni ta' żbalji meta jkun applikat sottokampjunar

Għal każijiet fejn ikun ġie applikat sottokampjunar mill-AA matul l-awditi tagħha tal-operazzjonijiet u jkunu ġew identifikati irregolaritajiet fin-nefqa li minnha jittieħed is-sottokampjunar, jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-Istati Membru jikkoreġu tal-anqas l-irregolaritajiet individwali identifikati mill-AA abbażi tas-sottokampjun awditjat. Barra minn dan, l-awtoritajiet tal-Istat Membru (MA/CA) jistgħu japplikaw aktar korrezzjonijiet sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' nefqa mhux eliġibbli fil-kontijiet (kif espress mill-RTER). L-għażliet li ġejjin huma partikolarment previsti f'dan ir-rigward:

1) L-awtoritajiet tal-Istat Membru japplikaw korrezzjoni finanzjarja li tikkorrispondi għall-iżball estrapolat tas-sottokampjun fil-livell tal-unità tal-kampjunar.

2) L-awtoritajiet tal-Istat Membru jistabbilixxu u jikkoreġu l-ammont eżatt ta' żball fl-unità tal-kampjunar, abbażi ta' verifiki addizzjonali tan-nefqa residwa fl-unità tal-kampjunar. F'każ li l-verifika ma tkunx ġiet finalizzata sal-ħin tal-preżentazzjoni tal-kontijiet, in-nefqa kkonċernata tista' titnaqqas mill-kontijiet minħabba valutazzjoni kontinwa tal-legalità u r-regolarità (ara l-Artikolu 137.2 tas-CPR) biex jitnaqqas aktar ir-riskju ta' nefqa mhux eliġibbli fil-kontijiet.

Konsegwentement, l-ammont ta' korrezzjoni applikata fil-livell tal-unità tal-kampjunar (operazzjoni, proġett jew talba għall-pagament) wara l-awditjar tal-AA jista' jvarja mill-ammont ta' żball estrapolat fil-livell tal-unità tal-kampjunar, li jintuża għall-estrapolazzjoni tal-popolazzjoni kollha.

## 4. Rata ta' Żball Totali Residwa (RTER)

Jenħtieġ li l-AA tikkalkula wkoll u tiddivulga fl-ACR l-RTER, jiġifieri l-iżball residwu fil-popolazzjoni wara li jkunu ġew applikati il-korrezzjonijiet finanzjarji rilevanti. L-RTER imbagħad għandu jitqabbel mal-limitu tal-materjalità sabiex wieħed jasal għal konklużjoni dwar jekk in-nefqa ċertifikata fil-kontijiet hix materjalment iddikjarata b'mod żbaljat jew le.

L-RTER tikkorrispondi għat-TER (applikata għall-popolazzjoni mingħajr ammonti taħt valutazzjoni kontinwa u ammonti negattivi oħra) nieqes il-korrezzjonijiet finanzjarji li jkunu ġew applikati qabel il-preżentazzjoni tal-kontijiet mill-Istat Membru b'relazzjoni mal-iżbalji identifikati mill-AA (jew korrezzjonijiet oħra applikati mill-Istat Membru jekk dawn il-korrezzjonijiet għandhom l-għan li jnaqqsu r-riskji identifikati mill-awditi tal-AA). Eżempju ta' kalkolu RTER huwa ppreżentat fit-tabella hawn taħt.

*Tabella 2: Eżempju tal-mudell tal-kalkolu tal-RTER bl-ammonti kollha taħt valutazzjoni kontinwa barra mill-kampjun u bi żball materjali u korrezzjonijiet individwali li jniżżluha għal-livell tal-materjalità*[56]

| | | |
|---|---|---|
| A | Popolazzjoni tal-awditjar (jiġifieri popolazzjoni ta' kampjunar pożittiva[57]) | 1000 |
| B | Nefqa awditjata | 100 |
| C | Żbalji li jinstabu fil-kampjun | 2 |
| D | Rata ta' Żball Totali (TER) wara estrapolazzjoni | 2.20 % |
| $E_1$ | Ammonti taħt l-Artikolu 137(2) (valutazzjonijiet kontinwi) | 50 |
| $E_2$ | Ammonti negattivi oħra li jnaqqsu n-nefqa oriġinalment iddikjarata matul is-sena kontabilistika ta' referenza | 0 |
| F=A-E | Popolazzjoni mingħajr valutazzjoni kontinwa (1000 – 50) u mingħajr ammonti negattivi oħra li jnaqqsu n-nefqa oriġinalment iddikjarata matul is-sena kontabilistika ta' referenza[58] | 950 |
| G=D*F | Ammont f'riskju (2.2 % * 950) | 20.9 |
| H | Korrezzjonijiet finanzjarji b'rabta ma' żbalji identifikati mill-AA jew applikati mill-MA/CA jekk tali korrezzjonijiet għandhom l-għan li jitnaqqsu r-riskji identifikati fl-awditi tal-AA[59] | 2 |
| I=F-H | Ammont li jista' jiġi ċertifikat fil-kontijiet (950 - 2) | 948 |
| J=G-H | Ammont residwu f'riskju (20.9 - 2) | 18.9 |
| K=J/I | Rata ta' Żball Totali Residwa (RTER) | 1,99 % (≤2,0 %) |

L-eżempju fit-Tabella 2 hawn fuq huwa bbażat fuq xenarju l-aktar sempliċi fejn la żbalji sistemiċi lanqas żbalji magħrufa barra mill-kampjun ġew identifikati u delimitati mill-AA fil-kuntest tal-awditi tagħha tal-operazzjonijiet (jiġifieri fejn it-TER huwa kostitwit biss minn

[56] L-Anness 4 jinkludi aktar eżempji li juru l-kalkolu tar-riskju residwu u l-impatt ta' unitajiet ta' kampjunar negattivi differenti fil-kalkolu tiegħu.

[57] Ara l-Gwida dwar il-kampjunar

[58] Għall-fini ta' simplifikazzjoni, wieħed jassumi f'dan l-eżempju li ma' hemmx tali ammonti. Korrezzjonijiet inklużi fil-valur H u dawk diġà mnaqqsa mill-popolazzjoni pożittiva meta tiġi stabbilita l-popolazzjoni tal-awditjar taħt il-valur A (ara n-Nota ta' Gwida dwar kampjunar, taqsima 4.6) ma għandhomx ikunu parti minn dawn l-ammonti.

[59] Korrezzjonijiet estrapolati jew korrezzjonijiet b'rabta ma' żbalji sistemiċi.

żbalji aleatorji projettati u l-korrezzjoni ta' żbalji individwali hija biżżejjed biex tniżżel l-RTER għal taħt il-materjalità)[60].

Il-valuri fit-tabella ta' hawn fuq jenħtieġ li jkunu stabbiliti kif ġej:

**Valur A:** Popolazzjoni ta' kampjunar pożittiva minn fejn l-AA tieħu l-kampjun tagħha għall-awditjar tal-operazzjonijiet.

**Valur B:** In-nefqa awditjata fil-kampjun (fil-każ ta' sottokampjunar, hemm bżonn li titqies biss in-nefqa effettivament awditjata)

**Valur C:** L-iżbalji kollha identifikati mill-AA fil-kampjun.

**Valur D:** Ir-rata tal-iżball totali (l-iżball totali estrapolat għall-popolazzjoni tal-awditjar kollha).

**Valur E:** It-total tal-valuri $E_1$ u $E_2$.

**Valur $E_1$:** Ammonti mnaqqsa mill-kontijiet minħabba valutazzjoni kontinwa tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa sottostanti.

**Valur $E_2$**: Ammonti negattivi oħra li jnaqqsu n-nefqa ddikjarata oriġinarjament fis-sena kontabilistika ta' referenza (sakemm dawn ma jkunux ġew imnaqqsa diġà mill-popolazzjoni ta' valuri pożittivi meta tiġi stabbilita l-popolazzjoni tal-awditjar A). Dawn l-ammonti negattivi jistgħu jinkludu:

- Korrezzjonijiet finanzjarji relatati ma' irregolaritajiet apparti dawk inklużi taħt il-Valur H, pereżempju:
    - korrezzjonijiet minn verifiki tal-maniġment imwettqa fuq nefqa ddikjarata qabel fit-talba għal pagament għas-sena kontabilistika ta' referenza, jew
    - korrezzjonijiet finazjarji relatati ma' każijiet partikolari ta' irregolaritajiet diġà identifikati u li ttieħdet azzjoni dwarhom qabel ma jkun tħejja l-kampjun mill-AA, jekk dawn kienu mnaqqsa mill-ammont iddikjarat lill-KE.
- Tnaqqis mhux relatat ma' irregolaritajiet, pereżempju korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali, (bħal irġigħ lura ta' entrati fil-kontijiet li ma jikkorrispondux għal korrezzjonijiet finanzjarji), trasferiment ta' operazzjonijiet minn programm għal ieħor (jew fi programm) jew deċiżjonijiet tal-maniġment biex jitħassar proġett.

[60] Għal każijiet ta' TER inkluż żball sistemiku, l-informazzjoni rilevanti hija pprovduta fit-taqsima IV.3.2.

F'dan ir-rigward, jekk jogħġbok innota li ammonti negattivi li jinvolvu irtirar ta' nfiq minn snin kontabilistiċi preċedenti ma jistgħux jiġu inklużi fil-kalkolu tar-riskju residwu.

**Valur F**: Popolazzjoni tal-awditjar (valur A) mingħajr ammonti taħt valutazzjoni kontinwa (valur $E_1$) u ammonti negattivi oħra li jnaqqsu n-nefqa oriġinarjament iddikjarata fis-sena kontabilistika ta' referenza (valur $E_2$).

**Valur G:** Ammont fir-riskju mingħajr ma jitqiesu korrezzjonijiet finanzjarji li jirriżultaw mill-awditi tal-AA.

**Valur H:** Il-korrezzjonijiet finanzjarji applikati minħabba l-awditi tal-AA< li jnaqqsu l-ammont f'riskju fil-popolazzjoni. Dawn il-korrezzjonijiet jistgħu jinkludu:

- Korrezzjonijiet finanzjarji implimentati minħabba l-awditi tal-operazzjonijiet tal-AA.

  Dawn il-korrezzjonijiet ġeneralment huma applikati wara li jiġi determinat it-TER (pereżempju il-korrezzjoni relatata ma' żbalji aleatorju individwali u żbalji sistemiċi). Madankollu, korrezzjonijiet finanzjarji applikati mill-Istat Membru wara li l-AA tkun ġabret il-kampjun tagħha jistgħu jiġu inklużi wkoll taħt il-valur H, jekk dawn il-korrezzjonijiet ikollhom l-għan li jnaqqsu r-riskji identifikati mill-awditi tal-operazzjonijiet tal-AA. Eżempju tipiku jkunu l-korrezzjonijiet li jsiru fuq il-bażi tax-xogħol li l-MA twettaq biex tkun iddeterminata l-portata tal-irregolaritajiet sistemiċi identifikati mill-AA fl-awditi tal-operazzjonijiet tagħha.

  Il-korrezzjonijiet kollha inklużi fil-kalkolu tal-RTER taħt il-valur H bħala riżultat tal-awditi tal-operazzjonijiet jenħtieġ li jkunu rrappurtati fil-kolonna F tat-tabella fit-taqsima 10.2 tal-ACR (Riżultati ta' awditi tal-operazzjonijiet)

*Tabella 3*

Riżultati għal verifiki ta' operazzjonijiet

| | Titlu tal-programm | A | B | | C | | D | E | F | G | H | I |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Ammont f'euro li jikkorrispondi għall-popolazzjoni li minnha ttieħed il-kampjun [1] | Nefqa b'referenza għas-sena kontabilistika awditjata għall-kampjun aleatorju | | Kopertura għall-kampjun aleatorju mhux statistiku [2] | | Ammont ta' nefqa irregolari fil-kampjun aleatorju | Rata totali ta' erruri [3] | Korrezzjonijiet implimentati b'riżultat tar-rata totali ta' erruri | Rata totali residwa ta' erruri | Nefqa awditjata oħra [4] | Ammont ta' nefqa irregolari f'infiq ieħor awditjat |
| | | | Ammont [5] | % [6] | % ta' operazzjonijiet koperti | % ta' nefqa koperta | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |

Il-korrezzjonijiet rilevanti kkunsidrati fil-kolonna F jenħtieġ li jikkorrispondu għall-ammonti divulgati fl-aħħar ringiela tal-Appendiċi 2 u 8 tal-kontijiet.

- Il-korrezzjonijiet finanzjarji implimentati marbuta ma' żbalji magħrufa barra mill-kampjun awditjat;
- Korrezzjonijiet finanzjarji implimentati għal żbalji identifikati mill-AA matul awditi tas-sistema (inkluż awditi tematiċi).

L-iżbalji misjuba matul l-awditi tas-sistema (ttestjar ta' kontroll) ma jiżdidux mal-iżball totali (TER), imma jenħtieġ li jkunu korretti u jiġu divulgati fit-taqsima 4 tal-ACR u jistgħu jiġu kkunsidrati għall-kalkolu tal-RTER taħt il-valur H.

Fi kwalunkwe każ, minbarra l-ġudizzju professjonali applikat meta wieħed jikkunsidra l-korrezzjonijiet finanzjarji li jenħtieġ li jkunu inklużi fil-kalkolu taħt il-valur H, l-AA jenħtieġ li jkollha assigurazzjoni raġonevoli li l-korrezzjonijiet finanzjarji huma fil-fatt korrezzjonijiet finali li jirriżultaw mill-awditi tal-AA, u mhux in-nefqa taħt valutazzjoni kontinwa u tnaqqis ieħor imsemmi taħt il-valur E.

Ammonti negattivi relatati mal-irtirar ta' nfiq minn snin kontabilistiċi preċedenti ma jistgħux jiġu inklużi taħt il-valuri E u H.

**Valur I:** L-ammont li jrid ikun ċertifikat fil-kontijiet, suġġett għal korrezzjonijiet addizzjonali eventwali sabiex jitnaqqas l-RTER għal 2 % jew anqas, jekk meħtieġ.

**Valuri J u K:** Dawn il-valuri jipprovdu informazzjoni dwar ir-riskju residwu fin-nefqa ċertifikat fil-kontijiet (f'ammont assolut u f'perċentwali, jiġifieri RTER).

## 5. Kalkolu tat-TER/RTER u Ammonti li jgħaddu minn valutazzjoni kontinwa tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa sottostanti (l-Artikolu 137.2 tas-CPR)

Il-kunċett ta' ammonti, li l-legalità u r-regolarità tagħhom tkun taħt valutazzjoni kontinwa huwa introdott mill-Artikolu 137(2) tar-Regolament 1303/2013. L-Artikolu 137(2) jiddikjara li:

*"2. Fejn in-nefqa li preċedentement kienet inkluża f'applikazzjoni għal pagament interim għas-sena ta' kontabilità tiġi eskluża minn Stat Membru mill-kontijiet tiegħu għar-raġuni ta' valutazzjoni pendenti tal-legalità u r-regolarità ta' dik in-nefqa, kwalunkwe nefqa jew in-nefqiet kollha li sussegwentament jinstab li huma legali u regolari tista' tiġi inkluża f'applikazzjoni għal pagament interim b'rabta ma' snin ta' kontabilità sussegwenti".*

Il-prinċipji ġenerali li ġejjin jenħtieġ li jiġu segwiti meta wieħed jittratta ċerti ammonti, li l-legalità u r-regolarità tagħhom tkun taħt valutazzjoni kontinwa, fid-dawl tal-kalkolu TER/RTER:

- L-awditi kollha tal-operazzjonijiet jenħtieġ li jitwettqu u r-riżultati jiġu kkunsidrati għall-kalkolu tat-TER, li jenħtieġ li jkunu projettati kif spjegat fil-gwida dwar il-kampjunar.
- L-estrapolazzjoni ta' żbalji mill-kampjun tal-AA mhix dipendenti fuq il-klassifikazzjoni ta' xi ammonti bħala li għaddejjin minn valutazzjoni kontinwa, anki f'każijiet fejn proċedura kontradittorja_fuq l-awditjar tal-operazzjonijiet imwettqa mill-AA għadha ma ġietx finalizzata, kif spjegat aktar 'l isfel.
- L-RTER tirrifletti biss ir-riskju residwu fin-nefqa ċertifikata fil-kontijiet. Għalhekk, għall-kalkolu tal-RTER, l-ammonti li jkunu għaddejjin minn valutazzjoni kontinwa (fl-applikazzjoni tal-Artikolu 137(2) għandhom jitneħħew mill-popolazzjoni.
- Jekk l-Istat Membru jiddeċiedi li jeskludi mill-kontijiet tal-programm parti min-nefqa tal-popolazzjoni minħabba valutazzjoni kontinwa tal-legalità u r-regolarità ta' dik in-nefqa, l-ammont eskluż b'dan il-mod u taħt il-valutazzjoni kontinwa ma għandu jinkludi l-ebda ammont ta' korrezzjoni finanzjarja implimentata wara li l-AA tkun identifikat żball[61].

[61] Eżempju: F'operazzjoni ta' EUR 5,000, l-AA identifikat żball ta' EUR 1,000, u wara dan is-CA ħadet id-deċiżjoni li tirtira l-ammont ta' EUR 1,000 mill-kontijiet. Fl-istess ħin l-MA iddeċidiet li teskludi mill-kontijiet l-operazzjonijiet kollha minn assi ta' prijorità għal ammont totali ta' nefqa ddikjarata ta' EUR 200,000 (inkluż l-operazzjoni inkwistjoni ta' EUR 5,000) biex tevalwa r-riskju relatat ma' kundizzjonijiet ta' għajnuna mill-Istat. F'dan il-każ, l-ammont li temporanjament jenħtieġ li jiġi irtirat minħabba valutazzjoni kontinwa jenħtieġ li jkun ta' EUR 199,000 (EUR 200,000 - EUR 1,000 ta' korrezzjoni fuq l-operazzjoni individwali bi żball identifikat).

Eżempji ta' mudelli għall-kalkolu ta' RTER b'ammonti taħt valutazzjoni kontinwa jingħataw fl-Anness 4.

Barra minn dan, fir-rigward tat-twaqqif tal-ammonti li huma taħt valutazzjoni kontinwa ($E_1$) u t-trattament ta' żbalji mill-awditjar tal-operazzjonijiet imwettaq mill-AAs u l-kalkolu tat-TER u l-RER, l-approċċ li ġej jenħtieġ li jkun applikat mill-AA b'rabta mar-riżultati tal-awditjar tal-operazzjonijiet:

**a) Ammonti ta' żbalji divulgati fir-rapport tal-awditjar finali tal-AA** (awditjar tal-operazzjonijiet finalizzat)**:**

- L-ammonti irregolari kollha identifikati matul l-awditjar tal-operazzjonijiet jenħtieġ li jkunu inklużi fil-kalkolu tat-TER bl-eċċezzjoni ta' żbalji magħrufa u żbalji anomali kkoreġuti (valur C fit-Tabella 2, taqsima IV.4)

- Kull korrezzjoni finanzjarja korrispondenti applikata, jiġifieri kemm individwali kif ukoll kull korrezzjoni estrapolata, imnaqqsa mill-kontijiet, tikkontribwixxi għall-kalkolu tal-RTER (u tiġi kkunsidrata taħt il-valur H fit-Tabella 2). Tali korrezzjonijiet jitqiesu definittivi, u għalhekk ma jistgħux jiġu trattati bħala valutazzjoni kontinwa u ma għandhomx ikunu inklużi taħt il-valur E fit-Tabella 2.

- Jekk il-korrezzjonijiet finanzjarji korrispondenti mhumiex applikati, jiġifieri mhux imnaqqsa mill-kontijiet (pereż. minħabba l-fatt li l-MA/CA ma taqbilx mar-riżultat tal-awditu jew rakkomandazzjoni għal korrezzjoni) l-AA ma tikkunsidrahomx fil-kalkolu tal-RTER. Dan jenħtieġ li jkun irrappurtat fl-ACR mill-AA, u jiġi kkunsidrat għall-opinjoni tal-awditjar tal-AA.

**b) Ammonti preliminari ta' żbalji** (awditjar mhux finalizzat tal-operazzjonijiet)**:**

Tali każijiet jenħtieġ li jseħħu biss eċċezzjonalment[62], minħabba li AA diliġenti jenħtieġ li tippjana l-awditi tagħha tal-operazzjonijiet b'mod li jippermettilha li tiffinalizza x-xogħol tal-awditjar fil-ħin għall-finalizzazzjoni tal-ACR u biex din toħroġ opinjoni tal-awditjar b'bażi soda fil-pakkett tal-assigurazzjoni.

- L-ammonti kollha ta' żball li jikkorrispondu għall-iżball preliminari massimu identifikat fl-operazzjoni u divulgat fl-abbozz tar-rapporti tal-awditjar tal-AA[63] jenħtieġ li jkunu inklużi fil-kalkolu tat-TER (valur C fit-Tabella 2).

- Fir-rigward tal-kalkolu tal-RTER, tali ammonti ta' żbalji potenzjali jenħtieġ li jkunu pproċessati bħala ammonti taħt valutazzjoni kontinwa (jiġifieri mnaqqsa mill-kontijiet abbażi tal-Artikolu 137(2) tas-CPR u inklużi fil-valur $E_1$ fit-Tabella 2) sakemm l-awtoritajiet tal-Istat Membru ma jiddeċidux li jnaqqsu dawn l-ammonti bħala korrezzjonijiet finanzjarji definittivi (imbagħad inklużi fil-valur H fit-Tabella 2)

[62] Sitwazzjoni eċċezzjonali li tista' tqajjem dubji dwar il-funzjonament tajjeb ta' KR 16 tal-AA, rekwiżit ewlieni essenzjali għall-funzjonament effettiv tal-MCS (ara l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) N° 480/2014).

[63] F'każijiet fejn ikun għadu ma nħariġx l-abbozz tar-rapport tal-awditjar, jenħtieġ li jitqies l-ammont tal-livell massimu ta' żball potenzjali stmat abbażi tax-xogħol diġà mwettaq mill-AA. F'każ li jkun għadu ma twettaq l-ebda xogħol ta' awditjar mill-AA fuq in-nefqa identifikata, jenħtieġ li jkun ikkunsidrat żball preliminari ta' 100 %.

- Kif diġà msemmi fit-taqsima II.5 hawn fuq, kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja estrapolata applikata sabiex tnaqqas l-RTER għal 2 % jew anqas hija meqjusa finali. Dan japplika wkoll għal każijiet fejn it-TER/RTER kienet ikkalkulata bl-inklużjoni tal-ammonti preliminari ta' żbalji minħabba awditi mhux finalizzati / proċedura kontradittorja fuq l-operazzjoni. Il-korrezzjonijiet finanzjarji estrapolati li jirriżultaw għalhekk ma jistgħux ikunu riveduti aktar tard, anki jekk in-nefqa awditjata tal-operazzjoni korrispondenti sussegwentement jinsab li hija eliġibbli fir-rapport tal-awditjar finali tal-AA[64].

[64] Minħabba l-kalkolu annwali tar-riskju residwu, għaldaqstant huwa importanti li jkun żgurat li l-awditi tal-operazzjonijiet jkunu ppjanati u organizzati b'tali mod li jippermetti li l-AA jkollha TER definittiv fi żmien biżżejjed għall-kontijiet.

# ANNESS 1 – TAQSIMA 10.1 "RIŻULTATI TAL-AWDITI TAS-SISTEMA" TAL-MUDELL TAL-ACR

| **Entità Awditjata** | **Fond (Programmi Operazzjonali Plurifond)** | **Titlu tal-awditu** | **Data tar-rapport finali tal-awditu** | **Programm Operattiv: [CCI u l-Isem tal-Programm Operazzjonali]** | | | | | | | | | | | | | **Valutazzjoni ġenerali (kategorija 1, 2, 3, 4)** [kif definit fit-Tabella 2- Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 480/2014] | **Kummenti** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | **Rekwiżiti ewlenin (kif applikabbli)** [kif definit fit-Tabella 1- Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 480/2014] | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | **KR 1** | **KR 2** | **KR 3** | **KR 4** | **KR 5** | **KR 6** | **KR 7** | **KR 8** | **KR 9** | **KR 10** | **KR 11** | **KR 12** | **KR 13** | | |
| **MA** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **IB(s)** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **CA** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

Nota: Il-partijiet bil-griż fit-tabella ta' hawn fuq jirreferu għal rekwiżiti ewlenin li mhumiex applikabbli għall-entità awditjata.

# ANNESS 2 - TAQSIMA 10.2 "RIŻULTATI TAL-AWDITI TAL-OPERAZZJONIJIET" TAL-MUDELL TAL-ACR

| Fond | Numru tal-Programm CCI | Titlu tal-programm | A | B | | C | | D | E | F | G | H | I |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Ammont f'euro li jikkorrispondi għall-popolazzjoni minn fejn ittieħed il-kampjun[65] | Nefqa b'referenza għas-sena kontabilistika awditjata għall-kampjun aleatorju | | Kopertura ta' kampjun aleatorju mhux statistiku[66] | | Ammont ta' nefqa irregolari fil-kampjun aleatorju | Rata ta' żball totali (TER)[67] | Korrezzjonijiet implimentati b'riżultat tar-rata ta' żball totali | Rata ta' żball totali residwa (RTER)[68] | Nefqa oħra awditjata[69] | Ammont ta' nefqa irregolari f'infiq ieħor awditjat |
| | | | | Ammont[70] | %[71] | % tal-operazzjonijiet koperti | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |

[65]Il-kolonna "A" tirreferi għall-popolazzjoni li minnha ttieħed il-kampjun aleatorju, jiġifieri l-ammont totali ta' nefqa eliġibbli mdaħħla fis-sistema kontabilistika tal-awtorità taċ-ċertifikazzjoni li ġiet inkluża f'applikazzjonijiet ta' pagament ippreżentati lill-Kummissjoni (kif stabbilit permezz tal-Artikolu 137(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013), wara li jitneħħew l-unitajiet negattivi tal-kampjunar, jekk ikun hemm. Pereżempju, jekk ġew iddikjarati €23 miljun bħala nefqa eleġibbli u dawn jinkludu €3 miljuni ta' unitajiet negattivi tal-kampjunar, l-ammont li għandu jiġi żvelat fil-Kolonna A hu ta' €26 miljun peress li dan jikkorrispondi għall-popolazzjoni tal-ammonti pożittivi. Fejn applikabbli, jingħataw spjegazzjonijiet fit-taqsima 5.4 hawn fuq.

[66] Dan jirreferi għal-livelli limiti minimi ta' kopertura stabbiliti fl-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 127(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, meta jintuża metodu ta' kampjunar mhux statistiku. Ir-rekwiżit ta' 10 % ta' nefqa ddikjarata għal kampjunar mhux statistiku (l-Artikolu 127(1) tas-CPR jirreferi għan-nefqa fil-kampjun, indipendentement mill-użu tas-sottokampjunar. Dan ifisser li l-kampjun għandu jikkorrispondi għal minimu ta' 10 % tan-nefqa ddikjarata, iżda meta jintuża s-sottokampjunar, in-nefqa effettivament awditjata tista' fil-fatt tkun inqas.

[67] Ir-rata ta' żball totali hi s-somma tal-iżbalji aleatorji projettati u, jekk applikabbli, l-iżbalji sistemiċi u l-iżbalji anomali mhux ikkoreġuti, diviżi bil-popolazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 28(14) tas-CDR. Fejn in-nefqa ddikjarata tinkludi unitajiet negattivi tal-kampjunar, dawn għandhom jiġu ttrattati bħala popolazzjoni separata. F'dan il-każ, it-TER hi kkalkulata b'relazzjoni mal-popolazzjoni ta' unitajiet pożittivi tal-kampjunar. It-TER hi kkalkulata qabel ma tiġi applikata kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja b'rabta mal-kampjun awditjat, jew b'rabta mal-popolazzjoni li minnha jkun ittieħed il-kampjun aleatorju. Meta l-kampjun aleatorju jkopri aktar minn Fond jew programm wieħed, ir-rata ta' żball totali (ikkalkulata) ippreżentata fil-kolonna "E" tikkonċerna l-popolazzjoni kollha. Fejn tintuża l-istratifikazzjoni, fit-taqsima 5.7 hawn fuq għandha tingħata aktar informazzjoni skont l-istrat.

[68] Għal aktar spjegazzjonijiet dwar l-RTER ara t-taqsima 5 ta' din il-gwida.

[69]Fejn applikabbli, il-kolonna "H" tirreferi għan-nefqa awditjata fil-kuntest ta' kampjun kumplimentari.

[70]Ammont ta' nefqa awditjata (jekk jiġi applikat is-sottokampjunar skont l-Artikolu 28(9) tar-Regolament (UE) Nru 480/2014, f'din il-kolonna jiġi inkluż biss l-ammont tal-elementi ta' nefqa effettivament awditjati skont l-Artikolu 27 tal-istess Regolament).

[71]Perċentwal tan-nefqa awditjata b'relazzjoni mal-popolazzjoni.

# ANNESS 3 – FLOWCHART TAR-RATA TA' ŻBALL TOTALI U TAR-RATA TA' ŻBALL TOTALI RESIDWA



## ANNESS 4 – EŻEMPJI TAL-KALKOLU TAR-RTER

## ANNESS 5 – TIPOLOĠIJA TAR-RIŻULTATI TAL-PROĠETT